Ħarġa nru. 53 - Awwissu 2011

B'XEJN ma'l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



Valletta jirbħu s-Super Cup,
paġna 6



It-T'ment tal-Beach Soccer,
paġna 18



Dominju minn Neptunes,
paġna 20



# Jingħata bidu għall-Kampjonat Premier 2011/12

» Aktar f'paġna 18

• FUTBOL • ŻWIEMEL
• KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT • STORJA TAR-REGATTA
• STORJA TAL-FUTBOL MALTI • POOL • SNOOKER • MOTO GP
• WATERPOLO • BEACHSOCCER

TeamSporT®
IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT

seat.com.mt

SEAT

# SEAT RANGE
## DISCOVER YOUR DRIVE




### SEAT IBIZA SC
Starting from **€12,700**
Scrappage price **€11,600**









**SEAT IBIZA 5 Door**
Starting from **€13,700**
Scrappage price **€12,600**

**SEAT IBIZA ST**
Starting from **€15,000**
Scrappage price **€13,800**

**SEAT LEON**
Starting from **€17,300**
Scrappage price **€15,800**

SEAT cars make driving something you can feel, not just something you do. Whether you're looking for a compact hatchback, a spacious station wagon or a family hatchback and perhaps even a panel van, SEAT cars can do the job. Visit our showroom and test drive any of the vehicles while there.

Check out the new Ibiza Panel Van



*Benefit up to €2000 from the government scrappage scheme or €1000 with the first time buyers scheme.*

Join us on facebook **'SEAT- Malta'**

MEMBER OF THE VOLKSWAGEN GROUP

Continental Cars Ltd, Testaferrata Street, Ta' Xbiex XBX1407 | Sales: 23476 342 / 350 | Mobile: 7900 7147 / 7942 5868 | E-Mail: seat@ccl.mizzi.com.mt
Mizzi Motors Ltd, Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo GSM9016 | Sales: 2155 6942 | Mobile: 9978 2000 | E-Mail: jcassar@mizzimotors.com.mt

2011



## Awwissu

Tlaqna!! Minkejja s-sħana tremenda tas-sajf, matul dan ix-xahar ingħata bidu għall-Kampjonat Premier li għall-ewwel darba fl-istorja tal-futbol Malti, qed jintlagħab bi 12-il tim fejn se jintlagħbu 192 partita, b'kull tim jilgħab 32 logħba f'erba grawnds differenti.

Filwaqt li t-timijiet kienu kollha mpenjati, wieħed seta' jinnota li għadhom ma ssetiljawx u għaldaqstant wieħed ma jistax jibda jiġġudika minn issa.

Matul din is-sena wkoll qed tiġi ntrodotta s-sistema elettronika tal-biljetti għal aktar kontabbiltà u kontroll biex fl-istess waqt ikomplu jgawdu l-klabbs mill-introjtu ... li matul l-istaġun li għadda daħħlu 88% aktar mill-istaġun preċedenti.

Dan ifisser li l-MFA qed twettaq il-programm tagħha bl-ideoloġija tibqa' "Klabbs, klabbs, klabbs".

Fil-Kampjonat tal-Waterpolo tkompli d-dominanza ta' Neptunes li jidher li resqin lejn ir-rebħ tat-titlu ...

Dan il-magażin sportiv qed ikompli jżomm l-appuntament tiegħu biex jaġġorna lid-dilettanti sportivi, bl-aqwa mod possibbli, minn xahar għal ieħor.

Jesmond Moore - Editur




# Irbaħ ma'

TeamSport

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ il-BOV Super Cup bejn Valletta u Floriana?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Settembru, 2011: **Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 52 hija:*
**Roderick Briffa**
*u r-rebbieħa huma (1) Joseph Deguara - Paola (2) Josephine Vella - Kirkop (3) Graziella Cassar - Gżira*




1




2




3


Budweiser
takes you to
silverstone formula™
GRAB SOME BUDS
during promotional nights and you could be in pole position for a VIP experience in conjunction with Silverstone formula based at Silverstone.
Look out for the Budweiser Promotional Team in bars around Malta.
60
80
100
In association with:
silverstone formula
Silverstone Formula Ltd,
Silverstone Innovation Centre, Silverstone.
www.silverstoneformula.com
BADGER Raceway
www.facebook.com/budweisermalta
drinkawaremalta.com for the facts
The winner will be announced on the 20th September during an ability challenge at Badger Carting race track in Ta' Qali. This is a limited time offer. Terms and conditions apply.







SPORTIV

Ħarġa nru 53
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

Ippubblikat minn Zen Publishing
113 'Bapu' Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Tel: 27200233 Fax: 2123 8313

Pubblikatur
Paul Falzon

Editur
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

Reklamar
Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com

Disinn
Zen Grafiks

Ritratti
Stephen Gatt

*Cover - Il-gowlkiper ta' Hamrun Spartans Omar Borg isalva waqt attakk ta' Balzan Youths*

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta

# Werrej

4 **MFA**
Il-ħidma kontinwa

14 **Malta V Afrika Ċentrali**
Żewġ gowls ta' Michael Mifsud

16 **Super Cup**
Michael Mifsud il-protagonista Beltija

18 **Premier League**
Valletta jibdew id-difiża b'rebħa mpressjonanti

22 **UEFA League - Nisa**
Esperjenza diffiċli għal Mosta

24 **Beach Soccer**
Benjamin Team u Pink Pearls champions

26 **YFA**
Il-Preżentazzjoni Annwali tal-YFA

28 **Intervista**
... ma' Roderick Tanti, kowċ ta' San Gwann Boċċi Club tal-Pool

30 **KMS**
Jiġi mniedi l-Proġett tal-Marsa Sports Village

38 **Waterpolo**
Neptunes fi klassi għalihom!

40 **Gozo Sport**
Fejn intrebħu l-unuri tal-Futbol 2010/11

42 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Riżultati, Sewwieqa u Ħinijiet

44 **Snooker & Pool**
Malta eliminata fil-Fażi tal-Gruppi

46 **Formula 1**
Jenson Button jirbaħ fil-200 dehra personali

48 **Moto GP**
Casey Stoner ikompli jkabbar il-vantaġġ b'żewġ rebħiet

50 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Irtira l-allegazzjoni li saret fil-konfront ta' Pullu Demanuele

52 **Storja tar-Regatta**
It-Tiġrija tal-Vitorja

55 **Exercise and Type 2 Diabetes**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

56 **Spot the Ball u Tisliba**
Irbah ma' SPORTIV

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

maltafootball.com




Ħafna ideat tajbin jitfasslu fuq karta. B'Personal Loan tal-BOV il-proġetti u l-aspirazzjonijiet tiegħek jieħdu l-ħajja.

Kellimna llum għal self li huwa tassew personalizzat u jgħinek takkwista dak li dejjem xtaqt.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV PERSONAL LOAN**
**2131 2020 | bov.com**

Is-self kollu huwa suġġett għal kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

BOV
Bank of Valletta

BOV 29123

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

# Jingħata bidu għall-Kampjonat BOV Premier




Minn nhar il-Ġimgħa 19, ta' Awwissu, li għadda, għajnejn id-dilettanti tal-futbol Malti kienu mitfugħa fuq il-BOV Premier League, hekk kif tela' s-siparju ta' staġun kalċistiku ġdid. L-istennija u l-aspettativa hija kbira issa li l-kampjonat hu magħmul għall-ewwel darba minn 12-il tim.

Din il-kompożizzjoni toffri innovazzjoni għall-ogħla kampjonat fil-futbol Malti, fejn b'kollox se jintlagħbu 192 logħba fuq żewg rawnds, bejn l-ewwel fażi u t-tieni fażi wara li t-timijiet jinqasmu fiċ-Championship Pool u r-Relegation Pool. Is-sitt timijiet f'kull pool jerġgħu jilagħbu darbtejn oħra kontra xulxin.

Qatt ma kien hemm daqstant interess minħabba l-entużjażmu li t-timijiet, fl-aktar kampjonat importanti fil-futbol Malti, qegħdin ipoġġu permezz ta' organizzazzjoni aktar professjonali. Għat-tliet staġuni li ġejjin, il-kampjonati nazzjonali se jerġgħu jkunu sponsorjati mill-Bank of Valletta, li flimkien mal-MFA, qegħdin jaħdmu biex jintroduċu branding ġdid.

Fil-fatt diġà kien introdott logo ġdid, li fil-ħsieb jesprimi l-aspett vivaċi tal-kampjonat lokali.

L-ambizzjonijiet taċ-champions Valletta, tar-runners-up Floriana u kif ukoll ta' Birkirkara huma kbar, filwaqt li timijiet oħra, li tradizzjonalment ikunu protagonisti, fosthom Sliema Wanderers u Hibernians, jittamaw li dan l-istaġun ikollhom kampjonat ħafna aħjar minn dak preċedenti.

Timijiet bħal Marsaxlokk, Tarxien Rainbows u Hamrun Spartans li fl-istaġun li għadda spiċċaw fost l-ewwel sitta, huma wkoll kapaċi jerġgħu jissorprendu.

It-timijiet ta' Qormi, Balzan Youths, Mosta u Mqabba mhux se joqogħdu lura milli joffru oppożizzjoni denja lil kulħadd u mhux se jkunu tapit ta' ħadd, tant, li d-diversi plejers li akkwistaw huma xhieda ta' dan.

Fi tmiem l-ewwel fażi l-punti jinqasmu biex it-tieni fażi tibda fi Frar, fejn jaslu l-ewwel konfronti deċiżivi li jridu jiddeċiedu dwar is-sodisfazzjonijiet u d-diżappunti tal-kampjonat.

Matul dan l-istaġun ġdid se jidħlu sensiela ta' inizjattivi ġodda fejn għandu x'jaqsam il-marketing, il-branding u kif ukoll il-corporate hospitality. Sa mill-istaġun l-ieħor, l-MFA ħadmet bis-sħiħ biex tilħaq sezzjoni wiesa' ta' partitarji li jinkludu mhux biss il-partitarji komuni, iżda wkoll lil dawk li jixtiequ jagħmlu esperjenza minn programm ta' futbol.

Huma bosta l-aġġornamenti li se jkunu ntrodotti u dawn jinkludu faċilitajiet aħjar fiż-żona ristretta bħal dressing-rooms ġodda u doping room ġdida. Fil-West Stand għas-settur tal-media se jkun hemm faċilitajiet ġodda fosthom press boxes, flash interview area u press conference room ġdida. L-MFA ħadet ħsieb ukoll biex isir xogħol importanti fiż-żona VIP, b'reception ġdida, lounges għall-klabbs, bar u ristorant u titjib għal aċċess fil-faċilitajiet tal-iStadium Nazzjonali. Minbarra dan, se tkun introdotta s-sistema tal-biljetti elettroniċi mhux biss f'Ta' Qali, iżda kull fejn se jintlagħab il-Kampjonat BOV Premier. Dan se jgħin biex is-sigurtà tiżdied u jkunu hemm aktar kontabilità, issa li l-gate money qiegħed kollu jasal direttament għand il-klabbs.

Mil-lat ta' infrastruttura, barra l-iStadium Nazzjonali qiegħdin isiru arranġamenti aħjar għall-parkeġġ permezz ta' Traffic Management System li se tkun introdotta fil-ġimgħat li ġejjin, b'allokazzjoni aktar sistematika għad-diversi sezzjonijiet tal-partitarji.

Dan minbarra li diġà kien installat scoreboard ġdid u sistema ta' riklamar bis-sistema ta' LED li, bla dubju, se jagħmlu mill-iStadium Nazzjonali post aktar aċċessibbli u komdu għal kull tip ta' partitarju.

Matul dan il-perijodu tas-sajf qegħdin isiru wkoll xogħlijiet oħra fl-iStadium Victor Tedesco fil-Ħamrun fejn żdiedet il-kapaċità u se jkunu mtejba l-faċilitajiet għall-partitarji, għall-plejers u għall-media u dan biex aktar stadiums f'pajjiżna jogħlew fil-livell.

L-MFA tawgura li, l-istaġun 2011-12, ikun mimli sodisfazzjonijiet fl-isforz li l-logħba tal-futbol f'pajjiżna tkompli tikber kemm fil-livell tekniku u kif ukoll fil-popolarità tagħha.

*Fotografi: Dominic Aqulina, Paul Zammit Cutajar u Joseph Borg*




# L-MFA se tintroduċi sistema elettronika ġdida għall-biljetti tad-dħul fl-istadiums

Mill-istaġun kalċistiku 2011-12 għal-logħbiet tal-BOV Premier League, se tkun introdotta sistema elettronika ġdida għall-biljetti tad-dħul fl-istadiums lokali. L-ogħla diviżjoni tal-futbol Malti se tintlagħab f'erba' stadiums differenti, jiġifieri fl-iStadium Nazzjonali, fil-Victor Tedesco Stadium, fil-Hibernians Stadium u fis-Centenary Stadium, u s-sistema se titħaddem f'dawn l-istadiums kollha kull meta jintlagabu logħbiet mill-BOV Premier League.

L-introduzzjoni ta' din is-sistema se tgħin biex l-affarijiet isiru b'aktar serjetà u professjonalità biex jinqatgħu kull xorta ta' defiċjenzi li sistema manwali kienet toffri, biex il-pubbliku sportiv jinqeda aħjar u biex l-MFA u l-klabbs ikollhom aktar kontabbilità fix-xogħol tagħhom.

L-MFA qiegħda tippjana li dawn is-sistemi jkunu jaħdmu fi ftit ġimgħat oħra u qiegħda tħeġġeg lil kulħadd sabiex ikun koperattiv f'dan il-perijodu ta' transizzjoni. Kull biljett elettroniku se jkollu *barcode* li meta jitpoġġa quddiem *scanner* fit-*turnstile*, din tiftaħ b'mod awtomatiku u b'hekk tagħti aċċess għall-ġewwa ż-żona fejn ikunu akkommodati l-partitarji. Il-persuni akkreditati biex joqogħdu fiż-żona tal-VIP se jkollhom *electronic card* li taħdem bl-istess mod.

Eventwalment, tagħmir simili se jkun installat ukoll fl-istadiums reġjonali fejn se jintlagħab il-futbol fil-livell tal-kbar u dan biex fil-futur kemm għall-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Diviżjoni tibda tintuża din is-sistema awtomatika.

Din is-sistema toffri ħafna vantaġġi u apparti li f'Malta l-istadiums tagħna se jkunu attrezzati bħal dawk madwar l-Ewropa kollha, din is-sistema se twassal biex fil-futur il-biljetti jistgħu jibdew jinxtraw minn qabel minn diversi postijiet oħra u mhux bilfors mit-*ticket booths* dak in-nhar tal-logħba rispettiva. Din is-sitema toffri wkoll il-possibbiltà li l-biljetti tad-dħul għal-logħbiet jibdew jinxtraw *on-line*. Il-UEFA tesiġi li dawn it-tip ta' sistemi jkunu nstallati fl-istadiums fejn jintlagħab il-futbol għaliex jgħinu fis-sigurtà u fil-kontroll tal-partitarji.

Dan l-investiment sar bl-approvazzjoni tal-klabbs lokali, li llum qegħdin jibbenefikaw b'mod dirett mid-dħul tal-*gate money*, fejn matul l-istaġun li għadda, il-klabbs raw żieda ta' 88% fl-ammont ta' flus li qasmu bejniethom meta mqabbel mal-istaġun preċedenti.




# UPCOMING
## National Teams Matches

**UEFA Under 21 Qualifier** on Thursday 1st September 2011 | Hibs Stadium | 7.00pm

# Malta **vs** Slovenia

NZS

UEFA UNDER21 CHAMPIONSHIP

**UEFA 2012 Qualifier** on Friday 2nd September 2011 | National Stadium | 7.00pm

# Malta **vs** Croatia

HNS

UEFA EURO2012 POLAND-UKRAINE

**UEFA Under 21 Qualifier** on Tuesday 6th September 2011 | Hibs Stadium | 4.00pm

# Malta **vs** Finland

SUOMI

UEFA UNDER21 CHAMPIONSHIP

**UEFA 2012 Qualifier** on Tuesday 6th September 2011 | National Stadium | 8.30pm

# Malta **vs** Georgia

GFF

UEFA EURO2012 POLAND-UKRAINE

mfa.com.mt

# It-timijiet nazzjonali jħejju għal-logħbiet kompetittivi ta' Settembru u Ottubru

Bis-sehem tat-tim nazzjonali Malti fil-logħba ta' ħbiberija kontra r-Repubblika tal-Afrika Ċentrali, li ntlagħbet ftit ġimgħat ilu, f'Ta' Qali, u bil-parteċipazzjoni tat-tim nazzjonali ta' Taħt is-17-il sena f'tournament fl-Ungerija, fetaħ l-istaġun għad-diversi kategoriji tat-timijiet nazzjonali tal-MFA.

Xejn inqas mill-aħjar preparazzjoni fiżika u mentali tat-timijiet nazzjonali ma tista' tipprovdi taqtiegħa sportiva ta' ċertu livell fid-diversi kompetizzjonijiet internazzjonali li fihom jikkompettu s-selezzjonijiet Maltin.

It-tim nazzjonali ta' Taħt is-17-il sena, immexxi mill-kowċ Branko Nisevic, flimkien mal-assistent William Mock, għadu kif ħa sehem fil-31 edizzjoni ta' Tournament rinomat Ungeriż. Fil-fatt fl-ewwel jiem ta' Awwissu, din l-iskwadra lagħbet tliet partiti kompetittivi bi preparazzjoni għal-logħbiet mill-Kampjonat tal-UEFA Under 17 li se jsiru f'Ottubru. Intant l-iskwadra ta' Taħt id-19-il sena bdiet ukoll bit-taħriġ tagħha, f'Ta' Qali, u din l-iskwadra se tilgħab fil-Kampjonat tal-UEFA Under 19, liema partiti se jsiru wkoll f'Ottubru. Iż-żewġ timijiet Maltin se jilagħbu barra minn xtutna, fl-Awstrija u l-Montenegro rispettivament.

Wara li fl-ewwel jiem ta' staġun ġdid taħt it-tmexxija ta' Luca Pagani, il-preparatur fiżiku tat-timijiet nazzjonali, il-plejers tat-tim nazzjonali A u dawk ta' Taħt il-21 sena għamlu t-testijiet fiżiċi, mit-2 ta' Awwissu beda t-taħriġ li għandu jwassal għal-logħbiet mill-kompetizzjonijiet tal-UEFA li huma skedati għall-bidu ta' Settembru.

It-tim nazzjonali A jmissu jilagħab kontra l-Kroazja nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Settembru u kontra l-Georgia nhar it-Tlieta, 6 ta' Settembru. Iż-żewġ logħbiet mill-kompetizzjoni Euro 2012 se jintlagħbu fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali.

It-tim ta' Taħt il-21 sena, immexxi minn Ray Farrugia, liema tim kellu bidu stupend fi Grupp 2 tal-Kampjonat Ewropew, meta spiċċa f'riżultat ta' 0-0 kontra l-Finlandja, f'Valkeakoski, u rebaħ bl-iskor ta' 2-1 kontra l-Litwanja f'Siauliai, se jkompli bl-impenji tiegħu b'żewġ logħbiet fil-Hibernians Stadium, f'Settembru.



Azzjoni mill-partita ta' ħbiberija bejn Malta u r-Repubblika tal-Afrika Ċentrali (2-1)



John Buttigieg - il-kowċ nazzjonali Malti

Il-Ħamis 1 ta' Settembru, se jilgħab kontra s-Slovenja u ħamest ijiem wara, nhar it-Tlieta, 6 ta' Settembru se jilgħab kontra l-Finlandja.

Wara dawn il-logħbiet, kemm it-tim nazzjonali A u kif ukoll dak ta' Taħt il-21 sena se jerġgħu jkunu mpenjati f'Ottubru, b'aktar logħbiet kompetittivi mill-istess kompetizzjonijiet.

Mingħajr dubju, l-preparazzjoni għal dawn il-logħbiet għandha mportanza kbira u għalhekk huwa l-għan tal-MFA li tkompli toffri l-aħjar faċilitajiet għall-plejers Maltin biex dawn jaslu għal dawn il-konfronti internazzjonali fl-aħjar forma possibbli. Dan jgħin biex l-isfida li t-timijiet nazzjonali joffru tibqa' waħda aċċettabbli għal-livell rispettiv.



It-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena





It-tim nazzjonali Malti



# L-MFA testendi s-servizzi mediċi u ta' fiżjoterapija

Il-Malta Football Association għadha kemm kompliet tkabbar is-servizzi tagħha għall-plejers tat-timijiet nazzjonali u kif ukoll dawk tal-klabbs lokali permezz tal-investiment li jinkludi apparat ġdid li permezz tiegħu t-terminu taż-żmien biex plejer jirkupra minn injury jista' jonqos sew. Huwa mifhum li din it-tip ta' teknoloġija diġà jużawha bosta klabbs kbar madwar id-dinja u li preżentament toffri l-aħjar trattament għall-*injuries*, b'terapija fiżika li tgħin lill-atleti jirkupraw f'perjodu iqsar minn dak li joffru t-terapiji tradizzjonali l-oħra.

B'hekk il-klabbs lokali permezz tal-iskema tal-Clinic Cover li tipprovdi l-MFA se jkunu jistgħu jingħataw servizzi mediċi u ta' fiżjoterapija tal-aqwa kwalità.

Dan l-apparat bl-isem ta' Human Tecar Therapy, huwa metodu xjentifiku ġdid fil-qasam tal-fiżjoterapija u rijabilitazzjoni, mezz ieħor biex it-tabib tal-MFA, Dr. David Attard u t-tim tiegħu jkunu jistgħu jaħdmu b'mod aktar professjonali u effiċjenti mal-atleti. Il-Humar Tecar huwa apparat użat mill-aqwa assoċjazzjonijiet madwar id-dinja.

L-iskema bdiet tgħodd mix-xahar ta' Awwissu u kull membru jista' jagħmel użu mill-faċilitajiet kollha li hemm fi ħdan iċ-Ċentru tal-MFA, kemm mil-lat mediku u kif ukoll mil-lat ta' fiżjoterapija. Dan l-investiment se jgħin ħafna lill-klabbs fl-ispiża medika u tal-fiżjoterapija u se jkun tragward importanti biex il-plejers jingħataw l-aħjar servizz.

Iċ-Ċentru se jkun miftuħ ukoll għall-privat, fejn it-tobba u l-fiżjoterapisti preżenti se joffru s-servizzi tagħhom bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa, bejn is-2.00 p.m. u l-7.00 p.m.



Il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo jindirizza l-workshop dwar l-imħatri llegali

# Organizzat workshop mill-Assoċjazzjoni kontra l-imħatri llegal

L-imħatri llegali huma periklu kbir u serju għall-futbol fl-isfera mondjali, b'hekk kemm il-FIFA u kif ukoll il-UEFA qegħdin sistematikament jaraw kif jiġġieldu din il-pjaga u matul l-aħħar xhur ttieħdu diversi inizjattivi f'dan ir-rigward.

Sportradar AG, li hija kumpanija Svizzera, kienet minn tal-ewwel li bdiet tanalizza din il-problema u bdiet tistudja kif din tista' tiġi kkontrollata. Ix-xogħol primarju tagħha huwa dak li tiġbor l-informazzjoni necessarja li twassal biex titfa' dawl fuq allegat abbuż waqt logħbiet tal-futbol u f'dan ir-rigward qiegħda taħdem ħafna qrib tal-FIFA u l-UEFA.

Il-Malta Football Association taf tajjeb bl-importanza li żżomm ruħha informata u għalhekk għażlet li hi wkoll taħdem ma' Sportradar AG biex tibda tieħu dan is-servizz mingħand din il-kumpanija.

Konxja minn dan il-fatt, fix-xahar ta' Awwissu, l-MFA organizzat workshop importanti flimkien ma' Sportradar AG, liema preżentazzjoni saret fis-sala tas-Centenary Stadium, f'Ta' Qali. Il-workshop bit-titlu, "L-Imħatri fl-Isport u l-Integrità" tmexxa minn Andreas Krannich, id-direttur maniġerjali responsabbli mill-integrità u l-istrateġija u minn Darren Small u Lorenzo Caci, dirtetturi rispettivi ta' Sportradar AG.

Matul diskussjoni li ħadet kważi sagħtejn, Krannich tkellem dwar l-iskop tax-xogħol tagħhom, dwar kif jinterċettaw logħbiet b'potenzjal ta' tixħim u mħatri llegali u dwar l-edukazzjoni li dawk involuti għandhom jieħdu fuq dan is-suġġett.

Għal dan il-workshop ta' nteress ġenerali attendew presidenti tal-klabbs lokali, head-coaches u l-captains tat-timijiet li se jikkompetu fil-Kampjonati tal-Premier u tal-Ewwel Diviżjoni. Dawn il-persuni li huma direttament involuti fl-operat tal-logħba tal-futbol għandhom ikunu minn ta' quddiem biex jirċievu tagħrif dwar din il-materja.




Fost il-kelliema kien hemm ukoll il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, li għamel kelmtejn ta' introduzzjoni u saħaq fuq l-importanza li dawk kollha involuti fil-logħba għandhom jaraw li jħaddnu l-valuri sportivi u tar-rispett l-ewwel u qabel kollox. Il-president tenna li kulħadd għandu jkun konxju dwar il-ħidma li qiegħda ssir biex nikkumbattu dan il-fenomenu ġdid fil-futbol Malti, u dan minħabba l-fatt li anki l-futbol tagħna jista' jsib ruħu fiċ-ċirku vizzjuż ta' mħatri llegali u ħasil ta' flus li ħafna kampjonati oħra madwar id-dinja jinsabu mhedda bihom.


Dawk kollha li attendew il-workshop informattiv organizzat mill-MFA



# Il-Beach Soccer jingħata prominenza mill-MFA




Ramiro Figueiras Amarelle flimkien ma' Mark Marlow li mexxew il-kors għall-kowċis tal-Beach Soccer



Azzjoni mit-tournament tal-Beach Soccer li sar f'dawn l-aħħar jiem fil-bajja ta' Birżebbuġa

L-inizjattiva li ħadet l-MFA biex il-logħba tal-Beach Soccer f'Malta tkompli tikber kompliet tinkoraggixxi lil Malta Beach Soccer Association biex torganizza kampjonati ta' livell, f'Pretty Bay, f'Birżebbuġa.

L-Assoċjazzjoni minbarra li għenet fl-organizzazzjoni tal-kampjonati, ħadet ħsieb ukoll biex tkompli żżid l-għarfien f'din id-dixxiplina sportiva permezz ta' korsijiet għall-kowċis u referees li jipprattikkaw u jikkontrollaw logħbiet tal-Beach Soccer. Dawn saru taħt id-direzzjoni taċ-Ċentru Tekniku tal-MFA, bil-kollaborazzjoni tal-FIFA. Għal dawn l-korsijiet ipparteċipaw aktar minn 30 persuna.

L-ewwel kors, dak tal-kowċis, tmexxa minn *instructor* tal-FIFA, Ramiro Figueiras Amarelle, li fil-preżent hu l-captain tat-tim nazzjonali ta' Spanja u b'kollox ħadu sehem 15-il parteċipant li attendew għal sessjonijiet ta' teorija u oħrajn ta'prattika f'Birżebbuġa.

Il-kors tar-Referees tmexxa minn *instructor* ieħor tal-FIFA, l-Isvizzeru Stephen Faessler, li hu referee internazzjonali u li kkontrolla ħafna logħbiet internazzjonali fit-Tazza tad-Dinja u mit-Tazza tal-Ewropa.

Qabel il-ftuħ ta' dawn il-korsijiet, Bjorn Vassallo Kap Eżekuttiv tal-MFA, indirizza lill-parteċipanti u qal li din kienet l-ewwel darba li l-MFA qed torganizza korsijiet f'din id-dixxiplina. Vassallo saħaq li kemm il-FIFA u kif ukoll il-UEFA qegħdin jagħtu mportanza lill-Beach Soccer minħabba l-fatt li dan l-isport sajfi jgħin ħafna fl-iżvilupp tal-atleti.

L-MFA qiegħda tagħti kull appoġġ lil Beach Soccer bħala ħidma tal-Assoċjazzjoni biex tmexxi 'l quddiem is-setturi kollha li jaqgħu taħt il-kappa tal-logħba tal-futbol.

Fi tmiem iż-żewġ korsijiet, Robert Gatt, Direttur Tekniku tal-MFA qassam ċertifikati lill-parteċipanti kollha li ħadu sehem.

# TRADE SMARTER WITH FXDD.

FXDD
EUROPE
YOUR FOREX TRADING PARTNER

If you're looking to understand the many aspects of trading on the foreign exchange market, you should consider Forex with FXDD Europe. Delivering superior customer service with 24-hour, multi-language support and invaluable educational tools like free live webinars and Forex training videos, FXDD Europe is committed to helping you learn the foreign exchange market. Head to Global.FXDD.com to find out more and sign up for your free demo account.

GLOBAL.FXDD.COM

**HIGH RISK WARNING:** Foreign exchange trading carries a high level of risk that may not be suitable for all investors. Leverage creates additional risk and loss exposure. Before you decide to trade foreign exchange, carefully consider your investment objectives, experience level, and risk tolerance. You could lose some or all of your initial investment; do not invest money that you cannot afford to lose. Educate yourself on the risks associated with foreign exchange trading, and seek advice from an independent financial or tax advisor if you have any questions.

**ADVISORY WARNING:** FXDD Europe provides references and links to selected blogs and other sources of economic and market information as an educational service to its clients and prospects and does not endorse the opinions or recommendations of the blogs or other sources of information. Clients and prospects are advised to carefully consider the opinions and analysis offered in the blogs or other information sources in the context of the client or prospect's individual analysis and decision making. None of the blogs or other sources of information is to be considered as constituting a track record. Past performance is no guarantee of future results and FXDD Europe specifically advises clients and prospects to carefully review all claims and representations made by advisors, bloggers, money managers and system vendors before investing any funds or opening an account with any Forex dealer. Any news, opinions, research, data, or other information contained within this website is provided as general market commentary and does not constitute investment or trading advice. FXDD Europe expressly disclaims any liability for any lost principal or profits without limitation which may arise directly or indirectly from the use of or reliance on such information. As with all such advisory services, past results are never a guarantee of future results.

**Licensing statement FXDD Europe:** FXDD Malta Limited is licensed to provide investment services by the Malta Financial Services Authority. Registered office: K2, 1st Floor, Forni Complex, Valletta Waterfront, Floriana FRN 1913, Malta.



# MALTA teġħleb lill-Afrika Ċentrali b'żewġ gowls ta' Michael Mifsud

## - Ikompli jkabbar ir-rekord personali ta' gowls



Il-formazzjoni inizjali Maltija - Wara - Andrew Hogg, Daniel Bogdanovic, Jonathan Caruana, Andrei Agius, Andrè Schembri, Clayton Failla - Quddiem - Roderick Briffa, Michael Mifsud, Gareth Sciberras, Andrew Cohen, Ryan Fenech



Il-formazzjoni inizjali tal-Afrika Ċentrali

Daniel Bogdanovic (Malta) attakkant minn Franklin Anzite (Afrika Ċentrali)



Michael Mifsud (Malta) jiddefendi l-ballun minn David Manga (Afrika Ċentali)

**F'partita ta' ħbiberija, Malta rreġistrat rebħa ta' 2-1 fuq l-Afrika Ċentrali liema konfront serva bħala parti mill-preparazzjoni għaż-żewġ logħbiet mir-rawnd preliminari tal-Euro 2012, kontra l-Kroazja u Georgia, fit-2 u fis-6 ta' Settembru li ġej, rispettivament.**

Kienet rebħa meritata hekk kif il-Maltin iddominaw lill-avversarji għal bosta ħinijiet li b'aktar attenzjoni l-iskor seta' kien ferm akbar ... urew superjorità fit-teknika iżda l-avversarji kien fiżikament aħjar speċjalment lejn tmiem il-partita li dehret evidenti l-għejja fost il-plejers tagħna għal bosta fatturi - bejn is-sħana qawwija u bejn li kienu ġejjin minn waqfa kbira.

Iżda l-kowċ, John Buttigieg, għandu għax ikun kuntent b'din il-prestazzjoni li fiha ħarġu bosta punti pożittivi li jista' jkompli fuqhom biex jiffaċċja lit-tim qawwi tal-Kroazja.

Minkejja li kienet wirja kollettiva, l-eroj ta' din ir-rebħa kien l-attakkant ta' Valletta, Michael Mifsud, li biż-żewġ gowls li skorja kompla kabbar ir-rekord personali ta' gowls fix-xena internazzjonali għal total ta' 28.

Il-Maltin ma setax kellhom bidu aħjar hekk kif wara biss żewġ minuti fetħu l-iskor meta Michael Mifsud qata' għal kollox lid-difiża avversarja iżda sab lill-gowlkiper Afrikan, Emanuel Yezzoat, jantiċipah b'mod irregolari, biex ir-referi Tork, Tolga Ozfalka, kien pront saffar għal penalti u ammonixxa biss lill-istess Yezzoat għall-fatt li d-direzzjoni ta' Mifsud ma kinetx diretta lejn il-lasti. Mill-11-il metru, l-iskorer prolifiku Malti, bil-kalma kollha pplejsja l-ballun fir-rokna tax-xibka.

Kien gowl li ta awtorità lill-plejers Malti fejn bdew jitteddaw l-andament tal-partita biex, fit-23 minuta, resqu viċin li jkabbru l-iskor iżda x-xutt finali ta' Daniel Bogdanovic kien wieħed dgħajjef.

Iżda żewġ minuti wara, l-Afrikani kisbu d-draw meta Hilaire Momi approfitta mill-viċin wara azzjoni konfuża fil-kaxxa Maltija.

Dan il-gowl kien doċċa kiesħa għall-Maltin li damu xi ftit biex jirriorganizzaw lilhom infushom ... iżda ladarba għamlu dan, daħlu jistrieħu fil-vantaġġ meta fit-43 minuta Ryan Fenech żmarka għal kollox lil Michael Mifsud li antiċipa l-ħarġa tal-gowlkiper avversarju billi rtokka l-ballun minn fuq rasu għal ġox-xibka.

Għalkemm fit-tieni taqsima, ir-ritmu naqas xi ftit, il-Maltin xorta waħda kienu kapaċi jikkontrollaw lill-plejers Afrikani li l-*forte* tagħhom kien il-ġiri fuq il-faxex laterali, li iżda, sabu quddiemhom difiża soda biex ftit li xejn setgħu jagħmlu xi forma ta' ħsara.

It-tieni taqsima rat ukoll id-debutt tal-midfielder ta' Floriana, Christian Caruana, li daħal bħala sostitut fil-post ta' Andrè Schembri.

[redacted]

**10.08.2011 - 20.30 hrs**

**Malta** 2
M. Mifsud 2 pen, 43

**Afrika Ċentrali** 1
H. Momi 25

HT 2-1 **National Stadium**

**Malta** – Andrew Hogg (Justin Haber 46), Jonathan Caruana, Gareth Sciberras, Andrei Agius, Ryan Fenech, Daniel Bogdanovic (Jamie Pace 46), Roderick Briffa, Michael Mifsud, Andrew Cohen (Trevor Cilia 90), Clayton Failla (Carlo Mamo 73), Andre Schembri (Christian Caruana 55)
*Coach* – John Buttigieg

**Afrika Ċentrali** – Emanuel Yezzoat, Foxi Kethevoama, Franklin Anzite, Manasse Enza Yamissi, Romaric Lignanzi, Fernand Onassis Kemo (Marco Gbarsin 66), David Manga, Odin Bolitoli (Fernandez Kassai 78), Serge Kogui Souchan, Armel Kazamgba (Norton Nze 55), Hilaire Momi
*Coach* – Jules Accorsi

**Referee** – Tolga Ozkalfa (Turkija)
**Assistenti** – Baci Tuncay Akkin, Emre Eyisoy (Turkija)
**Raba' Uff.** – Clayton Pisani (Malta)
**Ammoniti** – E.Yezzoat, O. Bolitoli, R. Lignanzi (AĊ), A. Cohen, C. Caruana, C. Mamo (M)



Ryan Fenech (Malta) jirbaħ id-dwell kontra Manesse Enza Yamissi (Afrika Ċentrali)




Michael Mifsud - l-eroj ta' Valletta FC

# Michael Mifsud il-protagonista f'dominanza Beltija

**Michael Mifsud, kien il-protagonist tal-BOV Super Cup meta Valletta FC għelbu lil Floriana FC bl-iskor ta' 3-0 bil-gowls kollha jaslu mill-attakkant internazzjonali Malti.**

Kienet partita li fiha Valletta ddominaw, mill-bidu sal-aħħar, bi Floriana jipprovaw jagħlqu l-ispazji neċessarji ... li iżda ... sabuha diffiċli kif iwaqqfu lil Mifsud li kien id-differenza bejn iż-żewġ timijiet. Dan minbarra li huwa ġie mċaħħad ukoll f'żewġ okkażjonijiet mil-lasti ... kif ukoll li kien hemm żewġ blalen oħrajn mal-lasti - wieħed ta' Dyson Falzon (Valletta FC) u l-ieħor ta' Ivan Woods (Floriana FC).

Sa mis-suffara inizjali, Valletta ħolqu żewġ azzjonijiet perikolużi fejn il-gowlkiper debuttant ta' Floriana, Manuel Bartolo, mblokka kif seta' xutt mill-qrib ta' Barbosa u Mifsud kellu tentattiv minn qagħda angolata jaħbat mal-lasta l-wieqfa.

Fis-36 minuta, il-Beltin fetħu l-iskor meta minn pass tajjeb ta' Gilbert Agius, Michael Mifsud għeleb in-nasba ta' l-offside, avvanza u mill-qrib għeleb lil Bartolo.

Floriana wettqu reazzjoni kważi mmedjata u kienu għoddhom kisbu d-draw fl-40 minuta meta minn korner ta' Doffo, Farrugia ttanta xortih b'daqqa ta' ras mill-qrib li Hogg salva f'żewġ tentattivi.

Kmieni fit-tieni taqsima Mifsud heżheż il-minduda minn pass ta' Effiong. Fis-67 minuta, ir-referi Lautier saffar għal penalti favur it-tim Belti meta Mifsud deher jitwaqqa' fil-kaxxa minn Doffo. Kien l-istess Michael Mifsud li nkariga ruħu mill-penalti li kellu jingħata darbtejn b'Mifsud jiskorja d-darbtejn, biex l-iskor sar 2-0.

Floriana pprovaw joħolqu xi azzjonijiet iżda kienu Valletta li reġgħu skorjaw, fil-81 minuta, meta mill-pass ta' Briffa, Michael Mifsud ħarab minn nofs il-grawnd u għeleb lil Bartolo b'xutt fil-baxx għar-rokna.

Fl-aħħar ħinijiet, mill-kross ta' Effiong, Falzon laqat il-lasta u l-istess għamel in-naħa l-oħra Woods bil-ballun jibqa' sejjer barra.

Wara l-partita, il-captain ta' Valletta, Gibert Agius, ġie ppreżentat bit-trofew mill-president tal-MFA, is-Sur Norman Darmanin Demajo.



Plejers, kowċis u staff tekniku ta' Valletta FC jifirħu bis-suċċess tas-Super Cup

**16.08.2011 - 20.30 hrs**

| | |
|---|---|
| **Valletta** | **3** |
| M. Mifsud 36, 68 pen, 81 | |
| **Floriana** | **0** |

HT 1-0 **National Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Jonathan Caruana, Edmond Agius, Roderick Briffa, Ian Azzopardi, Gilbert Agius, Steve Borg, Denni Rocha Dos Santos (Alfred Effiong 23), Ryan Fenech (Dyson Falzon 74), William Barbosa, Michael Mifsud (Ousseni Zongo 82)

*Coach* – Jesmond Zerafa

**Floriana** – Manuel Bartolo, Duncan Pisani, Manolito Micallef, Tyrone Farrugia, Owen Bugeja, Pablo Doffo, Christian Cassar, Christian Caruana (Joseph Borg 78), John Mintoff (Clyde Borg 57), Thomas Paris (Ryan Darmanin 69), Ivan Woods

*Coach* – Michael Woods

**Referee** – Chris Lautier

**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Thomas Debono

**Raba' Uff.** – Andre Arciola

**Ammoniti** – E. Agius, D. Falzon (V), P. Doffo, J. Borg (F)





DECORATIVE TURF

FENCE AND NETTING







FLOOD LIGHTING

RUBBER FLOORING





TURF TYPES







389 Sports Systems Ltd.

Omni Turf
THREE EIGHT NINE

LIMONTA
SPORT

INFILLPROTP
newgrass
DELUXE
SOCCERPRO

E: 389@onvol.net T: 2144 6449 W: www.389.com.mt A: 22/26 Dun Xand Cortis Street; Birkirkara - Malta



Ricardo Costa (Tarxien R.) jindirizza xutt lejn il-lasti ta' Valletta

# Valletta jibdew id-difiża b'rebħa mpressjonanti



Roderick Bajada (Sliema W.) segwit minn Andrew Cohen (Hibernians)



Tyrone Farrugia (Floriana) jagħmel rovexxjata kontra Valletta



Kevin Sammut (Hamrun S.) jipprova jgħaddi bejn Rennie Forace u Pedro Calcado (Balzan Y.)

**Valletta bdew id-difiża tat-titlu b'rebħa ta' 4-2 fuq Tarxien Rainbows minkejja li kellhom bosta plejers neqsin fosthom Michael Mifsud li ftit tal-jiem qabel kien l-eroj Belti fis-suċċess tas-Super Cup fuq ir-rivali eterni Floriana, bl-iskor ta' 3-0.**

Għalkemm għadna fil-bidu tal-istaġun, jidher li Valletta se jerġgħu jkunu minn fost il-protagonisti minħabba li lagħbu kontra tim li mill-istaġun li għadda kompla ssaħħaħ iżda li kellu jbaxxi rasu quddiem il-qawwa tal-Beltin minkejja li ma kienux fl-aqwa forza. Interessanti l-fatt li s-sitt gowls ta' din il-partita ġew skorjati kollha minn plejers barranin, b'Alfred Effiong jiskorja doppjetta u jispiċċa bħala l-Plejer tal-Logħba.

Hamrun Spartans ukoll jidhru li se jkunu armati meta ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 3-1 fuq it-tim promoss, Balzan Youths, li offrew sfida denja u matul l-ewwel nofs siegħa kellhom ukoll il-mumenti tagħhom … iżda meta sofrew l-ewwel gowl bħal donnhom infixlu biex fi spazju ta' erba' minuti sabu ruħhom fi żvantaġġ ta' żewġ gowls.

Imma minkejja din ir-rebħa, sakemm morna għall-istampa, Balzan Youths ressqu protest quddiem l-MFA minħabba l-ineliġibbiltà ta' sostitut partikolari li ġie utilizzat prorpju fil-ħin miżjud.

Floriana għelbu lit-tim promoss ta' Mqabba bl-iskor ta' 2-0. Wara bidu brillanti biex skorjaw iż-żewġ gowls kmieni fil-partita, il-Greens naqqsu r-ritmu biex fit-tieni taqsima kienu wkoll ineżistenti. It-tim modest ta' Mqabba tjieb wara l-mistrieħ u ddefenda bil-għaqal għalkemm wieħed irid jgħid li eventwalment il-logħba tilfet mill-interess tagħna fejn rari kien hemm xi azzjoni fuq il-lasti avversarji.

Marsaxlokk kellhom bidu pożittiv meta għelbu lil Mosta bl-iskor ta' 5-2 fejn irkupraw f'mument li dehru li setgħu jiġu sorpriżi minn dan it-tim promoss - meta kienu qed igawdu vantaġġ ta' żewġ gowls biex l-iskor sar 2-2. Iżda l-attakkant debuttant, in-Niġerjan Obinna Obiefule, kien id-differenza bejn iż-żewġ timijiet biex irreġistra l-ewwel hat-trick tal-Kampjonat … u kien strumentali f'din ir-rebħa.

Żewġ timijiet li huma meqjusa li se jkunu minn fost l-isfidanti ewlenin huma Sliema Wanderers u Hibernians li bejniethom qasmu sitt gowls f'partita spettakolari u eċċitanti. L-attenzjoni prinċipali kienet fuq il-midfielder, Clayton Failla, li għadu kif ingħaqad ma' Hibernians mingħand l-istess Wanderers … u kien ukoll minn fost l-iskorers.

Birkirkara u Qormi inawguraw dan il-Kampjonat bil-Karkariżi jiksbu l-ewwel tliet punti b'rebħa ta' 2-0, b'gowl f'kull taqsima.

Qormi offrew reżistenza qawwija u kellhom ukoll il-mumenti tagħhom fejn anke setgħu kisbu d-draw f'perijodu kruċjali … iżda pattew qares għal dawn in-nuqqasijiet.



Glenn Zammit (Mosta) jippanċja l-ballun

## Skorers – 27 gowl

3 – Obinna Obiefule (Marsaxlokk)

2 – Anderson Mendes Ribeiro (Hamrun S.); Edison Luis Dos Santos (Hibernians); Alfred Effiong (Valletta)

1 – Lydon Micallef (Balzan Y.); Moises Avila Perez, Trevor Cilia (Birkirkara); Christian Caruana, Christian Cassar (Floriana); Massimo Grima (Hamrun S.); Clayton Failla (Hibernians); Martin Deanov, Jean Paul Farrugia (Marsaxlokk); Gibert Martin, Ian Zammit (Mosta); Jean Pierre Mifsud Triganza, Mark Scerri, Jackson Lima Sequeira (Sliema W.); Daniel Mariano Bueno, Everton Antonio Pereira (Tarxien R.); William Barbosa Da Silva, Denni Rocha Da Silva (Valletta).

silverstone formula™

Budweiser

In collaboration with Silverstone Formula UK, and Badger Carting in Malta, Budweiser is offering consumers the chance to win a VIP TRACK EXPERIENCE at the renowned Silver stone track, UK.
Consumers should look out for the special Budweiser Promotion Team in bars around Malta. With every purchase of a bottle of Budweiser, consumers will be given a ticket which gives them the possibility of winning an 'Arrive and Drive' 15minute lap time session at Badger Carting, Ta' Qali. The best lap time will be recorded at the end of each session and the top 10 participants will go on to compete for the ultimate Silverstone Experience at an event which takes place at Badger Carting on Tuesday 20th September 2011. The overall winner will win a trip for 2 persons to Silverstone UK where they will be treated to a VIP Experience Day together with a visit to the Budweiser Brewery in Richmond, UK.

Budweiser is marketed and distributed in Malta by Simonds Farsons Cisk plc.
For more information one may call on Freephone 80074403 or visit www.facebook.com/budweisermalta.
Terms and conditions apply. drinkaware.com for the facts.





# FOR SALE

## TAL-MILLIERI GHAXAQ

APARTMENTS & MAISONETTES

STARTING PRICE - €83,860

FOR FURTHER INFORMATION PLEASE CONTACT L&A PROPERTIES - 79428839 | 79495181 | 21800214

www.laproperties.com.mt

**Logħba Nru 01 – 19.08.2011 - 18.30 hrs**

**Birkirkara** 2
M. Avila 13, T. Cilia 86 pen
**Qormi** 0

HT 1-0 **National Stadium**

**Birkirkara** – Jorge Mora, Rodrigo Pereira, Gareth Sciberras, Trevor Cilia, Alan Tabone (Terence Vella 74), Andrew Decesare, Moises Avila Perez (Ryan Scicluna 90), Leighton Grech (Ryan Camenzuli 81), Joseph Zerafa, Angus Buhagiar, Rowen Muscat
*Coach* – Patrick Curmi
**Qormi** – Matthew Farrugia, Jeffrey Chetcuti (Abubakar Bello-Osagie 69), Roderick Sammut, Matthew Bartolo, Joseph Farrugia, Christos Karamanolis, George Chircop (Luke Sciberras 76), Dino Cachia (Charlon Sammut 83), Jonathan Bondin, Jorge Pereira, Stephen Wellman
*Coach* – Stephen Azzopardi
**Referee** – Kevin Azzopardi
**Assistenti** – William Debattista, Sammy Attard
**Raba' Uff.** – Esther Azzopardi
**Ammoniti** – R. Pereira, J. Zerafa (B); J. Farrugia, M. Bartolo, J. Chetcuti (Q)

**Logħba Nru 02 – 19.08.2011 - 20.30 hrs**

**Sliema Wanderers** 3
J.P. Mifsud Triganza 5, J.Lima 17, M.Scerri 45
**Hibernians** 3
E. Luis dos Santos 4, 69, C.Failla 11

HT 3-2 **National Stadium**

**Sliema W.** – Henry Bonello, Julian Briffa (Beppe Muscat 52), Josef Mifsud, Mark Scerri, Jean Pierre Mifsud Triganza (Cleaven Frendo 76), Danail Mitev (Ryan Grech 61), Steve Bezzina, Clifford Gat Baldacchino, Jackson Lima, Roderick Bajada, Jorge Santos Silva
*Coach* – Danilo Doncic
**Hibernians** – Mario Muscat, Ryan Camilleri, Diego Balbinot, Rodolfo Soares, Adrian Pulis, Bjorn Kristensen, Steve Pisani (Peter Anizoba 86), Clayton Failla, Triston Caruana (Edward Herrera 65), Andrew Cohen, Edison dos Santos
*Coach* – Mark Miller
**Referee** – Paul Caruana
**Assistenti** – Konrad Borg, Chris Francalanza
**Raba' Uff.** – Malcolm Spiteri
**Ammoniti** – M. Scerri, R. Bajada, C. Gatt Baldacchino (SW); D. Balbinot (H)
**Tkeċċa** – M. Scerri 59 (SW)

**Logħba Nru 03 – 20.09.2011 - 18.30 hrs**

**Marsaxlokk** 5
O. Obifuele 23, 76 pen 90, M. Deanov 43, J. P. Farrugia 81
**Mosta** 2
G. Martin 47, I. Zammit 60 pen

HT 2-0 **Hibernians Stadium**

**Marsaxlokk** – Reuben Gauci, Carlo Mamo, Martin Deanov (Sacha Borg 85), Carlos Compagnoli, Malcolm Licari (Jean Paul Farrugia 80), Jonathan Xerri, Clive Brincat, Trevor Templeman, Patrick Borg, Obinna Obifuele (Sunday Eboh 89), Florent Raimy
*Coach* – Winston Muscat
**Mosta** – Glenn Zammit, Adrian Borg, Luca Martinelli (Kane Farrugia 67), Kenneth Spiteri, Rudy Alhinho, Sheldon Grech, Kurt Magro, Jonathan Bajada, Gilbert Martin, Ian Zammit, Firas Aboulezz (Alex Cini 46)
*Coach* – Oliver Spiteri
**Referee** – Mario Apap
**Assistenti** – Paul Apap, Joe Camilleri
**Raba' Uff.** – Clayton Pisani
**Ammoniti** – F. Raimy, T. Templeman, P. Borg (MK), J. Bajada, S. Grech, R. Alhinho, K. Magro (M)

**Logħba Nru 04 – 20.08.2011 - 20.30 hrs**

**Floriana** 2
C. Caruana 2, C. Cassar 19
**Mqabba** 0

HT 2-0 **Hibernians Stadium**

**Floriana** – Manuel Bartolo, Duncan Pisani, Manolito Micallef, Tyrone Farrugia, Owen Bugeja, Pablo Doffo, Christian Cassar (Clyde Borg 79), John Mintoff (Joseph Borg 65), Christian Caruana, Ivan Woods, Boris Odwong
*Coach* – Michael Woods
**Mqabba** – Kris Calleja, Pierre Grima, Marko Potezica, Andrew Scicluna, Mark Anthony Psaila (Clayton Micallef 46), Marlon Briffa (Shawn Magro 51), David Azzopardi, Thiago Dos Santos Mazitelli, Claudio Calleja, Mauro Bonnici, James Paris (John Paul Muscat 70)
*Coach* – Clive Mizzi
**Referee** – Trustin Farrugia Cann
**Assistenti** – Duncan Sultana, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Chris Lautier
**Ammoniti** – C. Caruana (F); M.A. Psaila, M. Potezica, J. Paris, A. Scicluna (M)

**Logħba Nru 05 – 21.08.2011 - 18.30 hrs**

**Balzan Youths** 1
L. Micallef 54
**Hamrun Spartans** 3
M. Grima 37, A. M Ribeiro 41 pen, 47

HT 0-2 **National Stadium**

**Balzan Y.** – Matthew Camilleri, Clifton Ciantar (Roderick Farrugia 79), Renie Forace, Yessous Camilleri, Bledjon Guga, Nikola Tasic (David Fenech 76), Lydon Micallef, Silvan Ciscaldi (Bjorn Bondin 56), Pedro Calcado, Dylan Grima, Daniel Sibalin
*Coach* – Joe Borg
**Hamrun S.** – Omar Borg, Nikica Gacesa, Massimo Grima, Rupert Mangion, Roderick Fenech (Ryan Spiteri 90), Anderson Mendes Ribeiro (Daniel Zerafa 90), Lee James Agius, Kevin Sammut, Matthew Gauci, Steve Bonnici, Gianluca Calabretta (David Camilleri 73)
*Coach* – Jesmond Zammit
**Referee** – Fyodor Zammit
**Assistenti** – Edward Spiteri, Roberto Vella
**Raba' Uff.** – Marco Borg
**Ammoniti** – P. Calcado, L. Micallef (B), L. J. Agius, M. Grima, R. Mangion (H)
**Tkeċċa** – L. J. Agius 84 (HS)

**Logħba Nru 06 – 21.08.2011 - 20.30 hrs**

**Valletta** 4
A. Effiong 15, 41, W. Barbosa 71, Denni 91
**Tarxien Rainbows** 2
D.M. Bueno 19, E. A. Pereira 85

HT 2-1 **National Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Jonathan Caruana, Steve Borg, Ian Azzopardi, Alfred Effiong, Rodrick Briffa, Jamie Pace, Edmond Agius, Ryan Fenech (Dyson Falzon 73), Denni Dos Santos (Ousseni Zongo 90), William Barbosa
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Tarxien R.** – David Cassar, Carl Sammut, Everton Antonio Pereira, Stefan Giglio (Manuel Caruana 46), Adrian Carabott, Ricardo Costa (Caio Garcia Suguino 75), Rodrigo Andreis Galvao (Roberto Fagundes Saraiva 61), Daniel Mariano Bueno, Orosco Anonam, Lee Galea, Justin Grioli
*Coach* – Noel Coleiro
**Referee** – Glenn Tonna
**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Mitchell Scerri
**Raba' Uff.** – Alan Mario Sant
**Ammoniti** – D.M. Bueno, R. Fagundes Saraiva, J. Grioli, C. Garcia Suguino, A. Carabott (T), W. Barbosa. Denni Dos Santos (V)


Joseph Farrugia (Qormi) attakkat minn Rowen Muscat (Birkirkara)


Trevor Templeman (Marsaxlokk) imwaqqa' minn Gilbert Martin (Mosta)


Orosco Anonam (Tarxien R.) janticipa lil William Barbosa Da Silva (Valletta)


Triston Caruana (Hibernians) bil-pussess tal-ballun fil-partita kontra Sliema Wanderers




Mosta champions ta' Malta 2010/11

# Esperjenza diffiċli għal Mosta

**11.08.2011 - 15.00 hrs**

**Mosta 0**

**KI Klaksvik 1**

S. Purkhus 59

HT 0-0 **Gradski Ground, Subotica**

**Mosta** – Sharon Costantino, Rebecca Chircop, Ashlie Jobst, Dorianne Theuma, Karen Lia, Yanika Fenech (Melissa Galea 56), Natasha Pace, Orian Beddingfield, Rachel Nolan, Ann Marie Vella, Emma Xuereb

*Coach* – Ray Sant

**KI Klaksvik** – Randi Wardum, Sofia Purkhus, Malena Josephsen, Rannva Andreasen, Maria Thomsen, Paula Mikkelsen, Una Joensen, Sigrid Jacobsen (Tove Solheyg 90), Elsa Maria Simonsen, Eyover Klakstein, Bara Klakstein

*Coach* – Erik Nielsen

Referee – Sofia Karagiorgi (Ċipru)

Assistenti – Niki Karagiorgi (Ċipru), Svetlana Bilic (Serbja)

Raba' Uff. – Danijela Markovic (Serbja)

Ammoniti – Ħadd

**13.08.2011 - 15.00 hrs**

**Mosta 0**

**Glasgow City 8**

J. Ross 15, 47, E. Mitchell 33, D. Dalziel 38, L. Ross 42 pen, E. Woolley 51, L. Evans 60, R. Corsie 84

HT 0-4 **Gradski Ground, Subotica**

**Mosta** – Sharon Costantino, Rebecca Chircop, Ashiel Jobst (Deborah Atanasio 46), Dorianne Theuma, Karen Lia, Yanika Fenech, Natasha Pace, Oriana Beddingfield, Rachel Nolan (Amy Abdilla 77), Ann Marie Vella (Melissa Galea 55), Emma Xuereb

*Coach* – Ray Sant

**Glasgow City** – Lee Alexander (Laura Williamson 66), Emma Mitchell (Katharina Lindner 77), Emma Woolley, Jill Paterson, Jane Ross, Rachel Corsie, Leanne Ross (Emma Fernon 76), Lisa Evans, Daninca Dalziel, Clare Gemmell, Ciara Barnes

*Coach* – Eddie Wolecki Black

Referee – Sofia Karagiorgi (Ċipru)

Assistenti – Niki Karagiorgi (Ċipru), Svetlana Bilic (Serbja)

Raba' Uff. – Danijela Markovic (Serbja)

Ammoniti – A. Vella (M)

**16.08.2011 - 17.00 hrs**

**Mosta 0**

**Spartak 11**

N. Damjanovic 1, 28 pen, 48, 51, Jelena Cubrilo 4, 6, 34, 37, 53, S. Jovanovic 45, Jelena Cankovic 67,

HT 0-7 **Gradski Stadium - Subotica**

**Mosta** – Sharon Costantino, Rebecca Chircop, Ashlie Jobst, Dorianne Theuma, Karen Lia (Melissa Galea 46), Yanika Fenech (Deborah Atanasio 29), Natasha Pace, Oriana Beddingfield, Rachel Nolan, Anne Marie Vella, Emma Xuereb (Amy Abdilla 79)

*Coach* – Ray Sant

**Spartak** – Ana Ivanova, Marija Ilic (Jelena Marenic 73), Violeta Slovic, Sandra Jovanovic, Arja Adamov, Nevena Damjanovic, Mirela Tenkov (Zeljka Radanovic 73), Jelena Cankovic, Duska Zivkovic, Jelena Cubrilo (Sanda Malesevic 73), Aleksandra Savanovic

*Coach* – Boris Arsic

Referee – Ausra Kance (Litwanja)

Assistenti – Jurgita Macikunyte (Litwanja), Niki Karagiorgi (Ċipru)

Raba' Uff. – Sofia Karagiorgi (Ċipru)

Ammoniti – R. Nolan, D. Theuma (M)

**Ir-riżultati l-oħrajn:**

**11.08.2011**
Glasgow City v Spartak .......4-0

**13.08.2011**
Spartak v KI Klaksvik ..........4-2

**16.08.2011**
KI Klaksvik v Glasgow City 0-5

**KIF SPIĊĊAW**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Glasgow C. | 3 | 3 | 0 | 0 | 17 | 0 | 9 |
| ZFK Spartak | 3 | 2 | 0 | 1 | 15 | 6 | 6 |
| KI Klaksvik | 3 | 1 | 0 | 2 | 3 | 9 | 3 |
| Mosta | 3 | 0 | 0 | 3 | 0 | 20 | 0 |




Mosta jsofru l-uniku gowl kontra KI Klaksvik permezz ta' Sofia Purkhus


head& shoulders
up to
95% less
hairfall
due to breakage*.
For her and for him
head& shoulders
anti-dandruff shampoo
shampooing antipelliculaire
anti hair fall for women
anti-chute
pour femmes
head& shoulders
anti-dandruff shampoo
shampooing antipelliculaire
anti hair fall for men
anti-chute
pour hommes
and up to 100% dandruff free**
*vs. a non-conditioning shampoo; ** visible flakes with regular use
Trade Enquiries VJ Salomone (Marketing) tel: 8007 2387



# Benjamin Team champions
# Pink Pearls champions


















# tal-Irġiel tan-Nisa














## Klassifika

### Kategorija Irġiel

**Kwarti Finali**

| | |
|---|---|
| New Team vs. Hal Fornaro | 6-4 |
| Sunny Beach vs. Godfather Hamrun | 3-8 |
| Benjamin Team vs. Eurosport Beach Ballers | 5-4 |
| Beach Boys vs. Samurai Team | 7-4 |

**Semi Finali**

| | |
|---|---|
| New Team vs. Benjamin Team | 0-2 |
| Godfather Hamrun vs. Beach Boys | 4-3 |

**It-Tielet Post**

| | |
|---|---|
| Beach Boys v New Team | 3-0 |

**Finali**

| | |
|---|---|
| Benjamin Team v Godfather Hamrun | 6–2 |

### Kategorija Nisa

**Finali**

| | |
|---|---|
| Pink Pearls v Vecchia Signora | 6-5 |

**L-Aħjar Plejer tal-Irġiel**
Arafa Analkua – Beach Boys

**L-Aħjar Skorer tal-Irġiel**
Stephen Said – Hamrun Godfather

**L-Aħjar Plejer tan-Nisa**
Oriana Beddingfield – Pink Pearls

**L-Aħjar Skorer ta-Nisa**
Maria Debattista – Vecchia Signora

**L-Aħjar Skorers fil-Kategorija tal-Irġiel**

| Isem | Tim | Gls |
|---|---|---|
| Stephen Said | Godfather H. | 19 |
| Arafa Anulka | Beach Bpys | 15 |
| Glenn Bonello | New Team | 14 |
| George Frendo | Hal Fornaro | 13 |
| Ryan Fenech | Beach Boys | 13 |
| Warren Chircop | Benjamin | 10 |

**L-Aħjar Skorers fil-Kategorija tan-Nisa**

| Isem | Tim | Gls |
|---|---|---|
| Maria Debattista | Vecchia Sig. | 6 |
| Jackie Abdilla | Pink Pearls | 4 |
| Claire Sciberras | Pink Pearls | 4 |
| Oriana Beddingfield | Pink Pearls | 3 |
| Damaris Cuschieri | Vecchia Sig. | 3 |
| Therese Briffa | Vecchia Sig. | 2 |
| Michela Camilleri | Pink Pearls | 2 |
| Charlene Leonardi | Pembroke | 2 |
| Elania Gialanze | Pink Pearls | 1 |
| Ottilia Debattista | Vecchia Sig. | 1 |
| Annabelle Rapa | Pembroke | 1 |
| Graziella Stellini | Pembroke | 1 |
| Therese Scicluna | Pembroke | 1 |
| Leanne Wood | Pembroke | 1 |

| GROUP A - TEAM | P | W | D | L | GF | GA | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BENJAMIN TEAM | 8 | 7 | 1 pen | 0 | 36 | 13 | 23 |
| NEW TEAM | 8 | 6 | 0 | 2 | 38 | 17 | 18 |
| SUNNY BEACH | 8 | 4 | 1 pen | 3 | 25 | 23 | 13 |
| SAMURAI TEAM | 8 | 2 | 0 | 6 | 18 | 30 | 6 |
| DEMONS FC | 8 | 0 | 0 | 7 | 12 | 46 | 0 |

| GROUP B - TEAM | P | W | D | L | GF | GA | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BEACH BOYS | 10 | 7 | 2 pen | 1 | 58 | 16 | 24 |
| GODFATHER HAMRUN | 10 | 8 | 0 | 2 | 46 | 23 | 24 |
| HAI FORNARO | 10 | 7 | 1 pen | 2 | 47 | 18 | 22 |
| EUROSPORT BEACHBALLERS | 10 | 1 | 3 pen | 6 | 26 | 49 | 9 |
| EXPORT LIONS | 10 | 2 | 1 pen | 7 | 24 | 45 | 7 |
| GHARGHUR AFC | 10 | 1 | 1 pen | 8 | 16 | 65 | 4 |

| LADIES - TEAM | P | W | D | L | GF | GA | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| VECCHIA SIGNORA | 6 | 5 | 1 | 0 | 13 | 7 | 15 |
| PINK PEARLS | 6 | 4 | 0 | 2 | 14 | 9 | 12 |
| PEMBROKE | 6 | 0 | 0 | 6 | 6 | 17 | 0 |

# Il-Preżentazzjoni Annwali tal-Youth F.A.




**Nhar il-Ħamis, 11 ta' Awwissu 2011, f'The Palace Hotel, f'Tas-Sliema, ġiet organizzata il-Preżentazzjoni Annwali tal-Youth FA. L-attendenza kienet waħda ferm tajba, bil-mġgoranza tan-Nurseries ikunu preżenti għal din l-attività li ħafna jistennew biex mill-ġdid jerġgħu jiltaqgħu ma' amministraturi oħra, wara ftit waqfien għall-vaganzi tas-sajf.**

F'okkażjonijiet bħal dawn, il-messaġġi ma jonqsux - Fr. Hilary bħala President tal-Assoċjazzjoni jindirizza lil dawk preżenti billi beda biex irringrazzja lill-MFA speċjalment lill-President, is-Sur Norman Darmanin Demajo u lic-CEO, is-Sur Bjorn Vassallo għall-importanza li taw lill-Youth F.A. matul din l-ewwel sena ta' ħidma mill-amministrazzjoni preżenti fejn fost oħrajn saret referenza għall-kwartieri ġodda li għandha l-Youth F.A, ħdejn is-Centenary Stadium mogħtija f'Marzu, 2011, mill-MFA.

Fr. Hilary kompla biex qal li l-istaġun 2010/11 kien wieħed importanti għall-Assoċjazzjoni fejn fost oħrajn ġie ntrodott l-event ġdid, dak tal-Under 13 "Inħobb il-Futbol", proġett iffokat biex aktar tfal f'dawn l-etajiet jilagħbu l-futbol man-Nurseries tagħhom.

Hawn għamel referenza biex il-kowcis ma jħarsux lejn dawn l-events bħala xi ħaġa ta' rebħ għal xi trofej iżda lejn it-tagħlim veru ta' kull plejer li jkun għadu qed jiżviluppa, fid-diversi setturi tiegħu. Għalkemm din kienet okkażjoni sabiħa ta' premjazzjoni, kull Nursery m'għandhiex togħqod biss taħseb fuq is-suċċess tat-trofej u rebħ tas-sezzjonijiet iżda kemm l-amministraturi kif ukoll il-kowċis iridu jaraw li jaqdu dmirhom tajjeb, sew biex ikabbru żgħażagħ aħjar għall-futur u jiżviluppaw it-talenti tal-plejers, dan kollu jista' jsir b'dedikazzjoni, serjetà, maturità u oġġettivi, temm il-messagg tiegħu Fr. Hilary.

Il-President tal-MFA is-Sur Norman Darmanin Demajo, beda l-messaġġ tiegħu billi qal li, fl-ewwel sena ta' ħidma tagħha l-MFA taħt il-presidenza tiegħu, waħda mill-priorità kienet li tingħata mportanza mistħoqqa lill-grassroots, tant, li ħafna drabi attenda għal diversi logħbiet tal-Kampjonati YFA minn kull sezzjoni, l-aktar fil-livelli ta' isfel biex jara aħjar il-vera neċessitajiet u bżonnijiet. Din l-importanza ingħatat, mhux biss bil-għoti tal-kwartieri ġodda lill-YFA, iżda wkoll bil-ħatra ta' direttur tekniku ġdid, is-Sur Robert Gatt, kif ukoll bir-riformi kontinwi li qed jinħadmu f'dan is-settur. Is-Sur Darmanin Demajo kompla jgħid li hekk se tibqa' tagħmel l-MFA u b'kull mezz ser tkompli tgħin biex dan is-settur tant importanti għall-futbol, ikompli jitjieb. Huwa sejjaħ lil kull amministratur fin-Nursery bhala "eroj għall-iżvilupp tal-futbol Malti" għad-dedikazzjoni tagħhom, filwaqt li ħeġġeg lill-kowċis preżenti, biex ikomplu jgħollu l-livell tagħhom, u stedihom biex jagħmlu użu mill-*Open Learning Centre* u l-i*Sports Science Centre*, żewg proġetti li fiż-żmien qasir għandhom jitwaqqfu f'Ta' Qali, biex ikomplu jkunu dejjem aktar informati fix-xogħol tagħhom.

Il-President tal-MFA għamel referenza għall-kowcis Taljani li kienu preżenti ftit ġimgħat qabel fejn raw plejers Maltin waqt it-taħriġ u logħob, li mir-rapporti li għamlu ħareġ li hemm talent tajjeb fil-plejers żgħażagħ tagħna,





tant li żewġ plejers mill-U/17 riċentament ġew imsejjħin minn dawn il-kowċis biex ikomplu t-taħriġ tagħhom fl-Italja mal-klabb ta' AS Livorno. Fit-tmiem tad-diskors tiegħu, is-Sur Darmanin Demajo xtaq li jagħmel proposta lill-amministraturi u l-kowċis preżenti, biex l-istaġun li wasal biex jibda, ikun wieħed edukattiv minn kull att speċjalment b'*Fair Play* mill-plejers fil-grawnd u mhux anqas mill-partitarji u ġenituri fil-grawnds waqt il-Kampjonati tal-Youth F.A.

Is-Sur Patrick Aquilina, APS Bank Marketing Manager, fid-diskors tiegħu qal li din l-okkażjoni kienet saret sinonima mal-APS Bank, għaliex tul dawn l-aħħar tmien snin il-bank segwa l-Youth F.A. u n-Nurseries permezz tal-isponsor tiegħu għall-Kampjonati tal-Assoċjazzjoni. Bi pjaċir huwa ħabbar li l-bord tad-diretturi kien approva biex mill-ġdid jitkompla dan l-isponsorship għal tliet staġuni oħra bit-tema *Supporting Youth through Football*. Huwa qal li l-bank iħoss li b'dan l-isponsor qed jgħin soċjalment lill-komunità Maltija u l-plejers żgħażagħ li huma l-futur. Filwaqt li awgura staġun ġdid ta' suċċess għamel appuntament biex fil-jiem li ġejjin uffiċjali ta' APS Bank jiltaqgħu ma' dawk tal-Youth F.A. biex jiġi ffirmat il-ftehim il-ġdid.

**Unuri mirbuħa matul l-istaġun 2010/11:**

| Under 17 | Rebbieħ | Runner Up / Finalist |
|---|---|---|
| Section A | Valletta | Birkirkara |
| Section B | Pembroke | Rabat |
| Section C1 | Msida | Zebbug |
| Section C2 | Birzebbugia | Mqabba |
| Section C3 | Dingli | Sirens |
| Good Causes Fund | Valletta | Pieta |
| APS Centenary Cup | Valletta | Paola Hibs |
| Best Player | Terrance Agius (Pieta) | |

| Under 15 | Rebbieħ | Runner Up / Finalist |
|---|---|---|
| Section A | Melita | St. Andrew's |
| Section B | San Gwann | Pembroke |
| Section C1 | Kirkop | Sirens |
| Section C2 | Mgarr | Zurrieq |
| Section C3 | Zebbug | Birzebbugia |
| Good Causes Fund | St. Andrew's | Melita |
| Best Player | Jurgen Degabriele (Hibs) | |

**Good Conduct Award U/15** - Sirens
**Good Conduct Award U/17** - Luqa.

L-unuri waqt is-serata ġew imqassma minn Fr. Hilary Tagliaferro, President tal-YFA, is-Sur Norman Darmanin Demajo, President tal-MFA, is-Sinjuri Patrick Aquilina u Noel McCharty f'isem l-APS Bank, il-Viċi President u Chairman tal-Grassroots Committee tal-MFA, il-Perit Ludovico Micallef u s-sur Robert Gatt, direttur taċ-Ċentru Tekniku, f'Ta' Qali.

Fit-tmiem iċ-ċerimonja, Fr. Hilary ħabbar li fi ftit tal-ġranet oħra, l-Assoċjazzjoni kienet se toħroġ il-fixtures tal-istaġun 2011/12, xi ħaġa li l-Assoċjazzjoni kienet ilha taħdem fuqha, iżda finalment bil-koperazzjoni tal-MFA u l-Board tal-Fixtures maħtur dan l-aħħar mill-Youth F.A., dan kollu kien se jsir realtà, biex b'hekk in-Nurseries minn dan l-istaġun ikunu jistgħu jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom aħjar madwar il-fixtures. Fr. Hilary ħa l-okkażjoni biex irringrazzja lil dawk kollha li taw l-appoġġ tagħhom matul dan l-istaġun, bla dubju l-MFA, l-APS Bank, Farsons permezz ta' Gatorade, Panini Malta, rappreżentati mid-ditta Domenic Anastasi Ltd., il-Ministeru tal-Finanzi bil-għajnuna tal-Good Causes Fund, il-Kunsill Malti għall-iSport u s-Segretarju Parlamenti għaż-Żgħażagħ u Sport.

**APS Bank Kampjonati U/15 u U/17 jibdew is-Sibt 3, ta' Settembru.**
**Jidħlu riformi fil-formati tal-Kampjonati minn dan l-istaġun**

Wara diversi xhur ta' konsultazzjoni maċ-Ċentru Tekniku, kif ukoll bil-parteċipazzjoni tan-Nurseries, il-Youth FA, ftit tal-ġimgħat ilu ħabbret diversi riformi fil-format tal-kampjonati tagħha, kif ukoll fil-*competition rules* assoċjati ma' dawn il-kampjonati. L-għan ewlieni jkun biex il-kampjonati jkunu aktar interessanti u kumbattuti sal-aħħar tal-istaġun.

Ir-riformi jaħsbu l-istess formati għaż-żewġ Kampjonati tas-sezzjonijiet U/15 u U/17

**L-istaġun 2011/12**

- Sezzjoni A    12 il-tim fuq żewg rounds
- Relegati 4    timijiet għal Sezzjoni B
- Sezzjoni B    12 il-tim fuq żewġ rounds
- Promossi l-ewwel żewġ timjiet għal Sezzjoni A
- Relegati l-aħħar erba timijiet għal Sezzjoni C
- Sezzjoni C    Tliet sezzjonijiet fuq żewġ rawnds
- Rebbieħ ta' kull sezzjoni jgħaddi għall-fażi . Oħra fuq rawnd wieħed biex l-ewwel żewġ timijiet jiġu promossi għal Sezzjoni B.

**Staġun 2012/13**

- Sezzjoni A    10 timijiet fuq żewġ rawnds
- Relegati l-aħħar tliet timijiet għal\ Sezzjoni B
- Sezzjoni B    10 timijiet fuq żewġ rawnds
- Promossi l-ewwel tliet timijiet għal Sezzjoni A
- Relegati l-aħħar tliet timijiet għal Sezzjoni C
- Sezzjoni C    Żewġ sezzjonijiet fuq rawnd wieħed
L-ewwel tliet timijiet minn kull sezzjoni jilagħbu rawnd ieħor bejniethom, biex l-ewwel tliet timijiet ikklassifikati jiġu promossi għal Sezzjoni B. It-timijiet l-oħra li ma jgħaddux għal dan ir-rawnd jilagħbu kollha f'Knock-Out Competition.



## Rekord assolut fil-Kampjonat tal-Pool

# Kburi li mexxejt lit-tim għar-rebħ tat-titlu

## *- Roderick Tanti, kowċ ta' San Ġwann Boċċi Club*








*Kif bdiet in-namra tiegħek għal-logħba tal-Pool u mhux tas-Snooker?*

Minħabba l-fatt li kont niffrekwenta bosta każini, f'San Gwann, ingbidt lejn il-logħba tal-billiards l-aktar minħabba l-kompetizzjonijiet li kienu jorganizzaw minn żmien għal ieħor.

Kont nipprattika din il-logħba kważi kuljum fejn lgħabt ukoll kontra bosta plejers li llum huma rinomati fil-logħba domestika.

Għaliex Pool u mhux Snooker? It-tweġiba hija waħda sempliċi minħabba l-fatt li f'San Gwann kollu ma kinetx tinstab mejda waħda tas-Snooker u għaldaqstant dejjem lgħabt il-logħba tal-Pool ... żgur li ma jiddispjaċinix!!

Però il-logħba tas-Snooker togħġobni ħafna għax insegwiha ħafna fuq it-televiżjoni. F'xi drabi wkoll, matul dak il-perjodu, jiena u sħabi konna mmorru l-Vanguards, il-Belt Valletta, u konna nqattgħu ġurnata nilagħbu s-Snooker.

*Fi ftit kliem tista' tgħid kif tintlagħab il-logħba tal-Pool?*

Fuq il-mejda jkun hemm 15-il boċċa - seba' ħomor, seba' sofor u boċċa sewda. Plejer jagħżel il-kulur tiegħu meta titnižżel l-ewwel boċċa rispettiva permezza ta' boċċa bajda (li llum għamluha bi spots ħomor). Il-logħba tintrebaħ meta il-kulur kollu flimkien mal-boċċa s-sewda jiġu ppottjati.

*Kif irnexxielek twaqqaf dan it-tim minn klabb tal-Boċċi?*

Madwar għaxar snin ilu ingħatajt il-kera tal-bar tal-klabb tal-Boċċi u minħabba li minn dejjem kont dilettant tal-billiars, flimkien mal-ħabib tiegħi Richard Cuschieri, waqqaf tim biex ikkompetejna fil-Kampjonat Tat-Tielet Diviżjoni.

Fil-verità, ma kellna l-ebda pretensjonijiet jew xi obbjettivi partikolari imma sempliċiment konna qed nieħdu sehem għall-pjaċir.

It-tim kien kompost minn seba' plejers meta sitta minnhom kienu jilagħbu, bl-ieħor ikun dak ta' riserva.

L-interess kompla jikber minn ġimgħa għal oħra fejn fl-ewwel sena spiċċajna fit-tieni post ... biex wara erba' snin, fl-istaġun 2005/06, irbaħna l-promozzjoni għall-Premier u proprju fl-ewwel sena rnexxielna nirbħu l-Kampjonat ... mingħajr telfa fejn ġejna miżmuma fi draw f'okkażjoni waħda biss ... bl-aktar avversarji diffiċli kienu dawk ta' Top Gun (Marsa).

Irrid ngħid ukoll li f'dak l-istess staġun irbaħna l-kompetizzjoni s-Super Cup iżda tlifna fil-finali tan-Knock-Out u dik tal-Christmas Cup.

Barra minn hekk minn dak it-tim rebbieħ kellna erba' plejers li kienu jifformaw parti mill-iskwadra nazzjonali li wasal sal-finali tat-Tazza tad-Dinja - Clint Azzopardi, Adrian Camilleri, Mario Cutajar u Jesmond Schembri.

*Kemm jinvolvi finanzi dan l-isport biex il-klabbs jkunu jistgħu jsostnu lilhom nfus-hom?*

Dan l-isport jinvolvi ħafna flus. Il-klabbs jagħmlu dak kollu possibbli biex fil-bidu tal-istaġun dejjem isaħħu l-iskwadri tagħhom.

Fil-każ tagħna, fis-snin preċedenti kellna injezzjoni finanzjarja minn ftit sponsors li eventwalment illum il-ġurnata ma għandhomx jidħlu għal din ir-responsabbiltà għax il-ħajja saret diffiċli għal kulħadd.

Għaldaqstant il-piż waqa' fuqi. Mingħajr tlaqliq, nista' ngħid li llum il-ġurnata jiena l-isponsor ewlieni tal-klabb tagħna.

Huwa mpenn diffiċli ħafna iżda s'issa dejjem għaraft li nżomm bilanċ. Matul is-sena naħdem u nistinka biex inkun nista' nżomm l-iskwadra għaddejja.

*Kemm taħseb li l-Pool jittieħed bis-serjetà f'pajjiżna?*

Nista' naċċerta li dan l-isport jittieħed b'serjetà kbira kemm mill-Assoċjazzjoni kif ukoll mill-plejers. Teżisti rivalità sportiva bejn il-klabbs rispettivi li jagħmlu l-kampjonat mill-aktar interessanti.

Min-naħa tal-plejers, jagħmlu taħriġ intensiv fuq bażi regolari.

Hija ħasra kbira li l-media Maltija ma tanx tagħti prominenza lil dan l-isport li huwa segwit minn eluf ta' dilettanti, li iżda, ma jkunux aġġornati ta' dak li jkun għaddej matul l-istaġun speċjalment fil-Kampjonat.

In-nuqqas ta' finanzi huwa ostaklu kbir biex dan l-isport jisfida fix-xena internazzjonali għalkemm, bi pjaċir, ngħid li dejjem ksibna riżultati prestiġġjużi kull darba li ħadna sehem, bl-aħħar wieħed ikun dak li rbaħna l-Kampjonat Mondjali fil-kategorija ta' Taħt il-21 sena li sar, fi Blackpool, ftit tal-ġimgħat ilu.

Biex il-plejers Maltin imorru jieħdu sehem f'dawn il-Kampjonati, l-Assoċjazzjoni trid tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-ivjaġġar, tal-akkomodazzjoni kif ukoll tal-ikel. Iżda b'dawn il-problemi u bil-limitazzjonijiet kollha ... xorta waħda urejna li l-Pool Malti jippossjiedi talenti u potenzjal straordinarju ... biżżejjed ngħid li fil-preżent tliet plejers Maltin huma rrankjati mal-aqwa sitta tad-dinja. Dawn

minn JESMOND MOORE

# b'punti massimi




huma Johann Attard u Clint Azzopardi (mit-tim tagħna) u Chris Tabone (Jojo's ta' Birżebbuġa). Dawn minbarra li Lydan Debono huwa rrankjat fit-tieni post fil-kategorija ta' Taħt it-18-il sena.

*Kemm domt tibni dan it-tim preżenti biex eventwalment ksirtu rekord assolut li rbaħtu l-Kampjonat b'punti massimi kif ukoll għandkom rekord għaddej ta' mingħajr telfa li proprju beda mis-7 ta' Diċembru, 2010?*

Minn mindu rbaħna l-promozzjoni, fl-2006, dejjem żammejna l-profil tagħna fl-ogħla diviżjoni.

Min dak il-perjodu bqajna' nsaħħu l-iskwadra tagħna b'diversi plejers fosthom Lydan Debono li huwa "prodott" tal-klabb li sa minn meta kellu 13-il sena beda jiġi jitħarreġ biex illum, minkejja l-età tenera tiegħu ta' 18-il sena, huwa wieħed mill-aktar plejers irrispettati fil-logħba domestika.

Fil-bidu tal-istaġun li għadda, inkludejna lill-erba' plejers ġodda, Adrian Camilleri, Johann Attard, Kevin Schembri u lil Duncan Pisani biex flimkien ma' Clint Azzopardi, Lydan Debono, Rudolph Gellel, Claudio Cassar u Iro Vella, ifformajna l-iskwadra tal-istaġun.

Bla dubju, l-ismijiet ta' dawn il-plejers se jibqgħu mniżżlin b'ittri tad-deheb li fl-istaġun, 2010/11, rebħu l-Kampjonat tal-Pool b'punti massimi - xi ħaġa li qatt ma saret kemm ilha mwaqqfa din il-logħba f'pajjiżna.

Barra minn hekk, bħalissa għadna għaddejjin b'rekord ieħor ta' rebħiet konsekuttivi li jinkludi wkoll il-kompetizzjonijiet tal-Christmas Cup u s-Super Cup, li beda proprju fis-7 ta' Diċembru, li għadda. It-total, s'issa, huwa dak ta' 24 logħba - Kampjonat 18; Christmas Cup 5; Super Cup 1.

Irrid ngħid ukoll li fil-bidu tal-istaġun ma konniex daqstant favoriti li nirbħu l-kampjonat iżda bid-determinazzjoni, bid-dixxiplina u l-maturità li urew il-plejers konna kapaċi li negħlbu kull ostaklu u kull sfida li sibna quddiemna ... biex eventwalment ksirna kull rekord.

Waħda mill-problemi li bħala kowċ iffaċċjajt kienet dik tal-"lussu". Dan minħabba li l-plejers kollha urew entużjażmu kbir biex jilagħbu u dan għen ħafna biex il-livell jibqa' wieħed għoli għax kull sostitut kien denju u konsistenti fil-logħob tiegħu.

*X'inhu s-sigriet ta' dan is-suċċess?*

Nemmen li s-sigriet ta' kull suċċess huwa kemm wieħed jirnexxielu jżomm l-għaqda fost il-plejers u fost kulħadd.

L-akbar uġiegħ ta' ras għalija hija meta jkun hemm il-logħob tar-rankings individwali fejn il-plejers jiltaqgħu kontra xulxin biex jirrappreżentaw lil Malta fix-xena nternazzjonali ... iżda s'issa dejjem għaraft li nżomm bilanċ

*X'inhuma l-pjani tal-futur?*

Qed nippreparaw lit-tim għal dan l-istaġun li jmiss fejn irreġistrajna lit-tliet akkwisti, Scott Muscat, Thurston Grixti u Kevin Mercieca, fil-post ta' Johann Attard u Claudio Cassar. Dawn għadhom plejers żgħażagħ iżda jippossjiedu talenti kbar.

Ninsab fiduċjuż u ottimist li se jkollna staġun tajjeb biex nibqgħu ngawdu r-rispett tal-avversarji kollha.

Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja lill-plejers kollha kif ukoll lill-partitarji li dejjem jagħtu l-appoġġ morali kemm waqt it-taħriġ kif ukoll waqt il-logħob kompetittiv.

## Lydan Debono



## Fit-tieni post tar-rankings mondjali tal-Under 18

Dan il-magażin ħa kumment ukoll ta' Lydan Debono dwar l-esperjenza tiegħu fil-Kampjonati Mondjali ta' Taħt it-18-il sena li saru fi Blackpool ftit tal-ġimgħat ilu.

"F'Settembru li għadda, ikkompetejt fil-logħob tar-rankings individwali fit-tliet kategoriji - Tal-Kbar, Under 21 u Under 18.

"Irbaħt il-kategoriji tal-Under 21 u tal-Under 18 biex ġejt magħżul b'mod awtomatiku. Irrid ngħid ukoll li fil-kategorija tal-Kbar spiċċajt fir-raba' post. Għaldaqstant ridt nagħżel f'liema kategorija ridt nirrappreżenta lil Malta fil-Kampjonati Mondjali fejn iddeċidejt li nilgħab f'dik tal-Under 18.

"Kienet esperjenza kbira għalija fejn fil-kompetizzjoni tal-Individwali ġejt eliminat fir-rawnd tal-aħħar 16 meta tlift bl-iskor ta' 6-5 kontra l-Indjan Vivek Makh.

"Fil-kompetizzjoni tat-timijiet, spiċċajt biex fir-rankings mondjali niġi fit-tieni post wara l-Ingliż Frank Costello bid-differenza tkun ta' frame wieħed. Infatti jien irbaħt 17-il frame filwaqt li huwa rebaħ 18 minn total ta' 21 - il-konfront dirett ta' bejnietna kien wieħed determinanti hekk kif ħriġt tellief.

"Fl-istess kompetizzjoni, spiċċajna bħala finalisti telliefa meta ġejna megħluba bl-iskor ta' 8-4 mill-istess Ingliżi.

"Iżda minkejja din it-telfa, għandna għax inkun kburin bil-prestazzjonijiet tagħna minħabba li l-Ingliżi huma kollha professjonali fejn Costello għandu ranking għoli fil-kategorija tal-Kbar. "




# Jiġi mniedi l-Proġett tal-Marsa Sports Village

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Dan l-aħħar is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport Clyde Puli nieda l-proġett tal-Marsa Sports Village – villaġġ sportiv li permezz tiegħu se jkunu qed igawdu 44 entità sportiva u 10,000 persuna.

Waqt konferenza tal-aħbarijiet li saret fl-uffiċċji tal-Malta Racing Club, Puli ħabbar dan il-proġett ta' faċilitajiet sportivi ġodda li se jkunu offruti fil-Marsa Sports Village u qal li ħarġet is-sejħa għall-interess mis-settur privat biex isir l-investiment f'din iż-żona ta' aktar minn 800,000 metru kwadru. Din is-sezzjoni mhux biss tkopri ż-żona tal-Marsa, iżda tinkludi wkoll estensjoni lejn l-Għammieri.




Il-Proġett se jsir permezz ta' sħubija ma' investitur privat. L-investitur se jintagħżel wara sejħa pubblika, u se jkun obbligat li joħroġ l-ispiża kapitali kollha marbuta mal-iżvilupp tal-proġett filwaqt li joħroġ l-ispejjeż kollha marbutin mat-tmexxija u l-manutenzjoni tal-faċilitajiet matul is-snin.

L-isportivi Maltin se jkunu b'hekk qed igawdu minn faċilitajiet moderni u ta' livell internazzjonali. L-ispeċifikazzjonijiet tal-faċilitajiet sportivi tfasslu b'konsultazzjoni mal-għaqdiet sportivi nfushom. Fost id-dixxiplini sportivi li se jgawdu minn dan l-iżvilupp se jkun hemm l-isport ekwestriju, ir-rugby, il-baseball, il-cricket, il-golf, l-isparar bil-qaws u diversi dixxiplini oħra.

L-investitur privat li jirbaħ il-proċess ta 'tender pubbliku' se jkun jista' jikkummerċjalizza partijiet minn dan il-proġett fosthom bil-bini ta' lukanda, ristoranti, stallel, betting u turiżmu sportiv. Is-Segretarju Parlamentari Puli spjega li wara li fl-2009 ġew iġġenerati 22,000 *bed night*, skema li permezz tagħha qed ikunu mgħejjuna l-għaqdiet sportivi biex jattiraw lejn il-gżejjer tagħna kompetizzjonijiet, taħriġ u seminars sportivi, is-sena li għaddiet l-istess skema ġabet kważi d-doppju ta' bednights. Dan ifisser li f'sentejn l-għaqdiet sportivi ġabu lejn pajjiżna 63,000 bed night li ġġeneraw 3.6 miljun ewro fl-ekonomija ta' pajjiżna.

Il-Gvern u s-Segretarjat Parlamentari ħa ħsieb biex qabel ma ġie mniedi dan il-proġett, saru laqgħat, diskussjonijiet u konsultazzjoni mal-għaqdiet kollha tal-isports. Dan sar biex wieħed seta' jalloka l-ħin tal-użu fil-faċilitajiet għall-istess għaqdiet.

Clyde Puli enfasizza li fis-sejħa għall-interess, il-Gvern qed jobbliga lill-iżviluppatur li jipprovdi spazji miftuħa għall-familji, minbarra numru ta' faċilitajiet li jospitaw diversi dixxiplini sportivi.

Is-sejħa pubblika għall-interess jintemm fl-aħħar ta' Settembru u wara jkompli bi proċess ta' tender u evalwazzjoni finali li twassal għall-għażla tal-investitur li se jiżviluppa dan il-villaġġ sportiv li għandu jġib progress kbir għall-isport Malti.

# KMS Summer On The Move ikompli jikber fil-popolarità

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt



Nhar it-Tnejn, 8 ta' Awwissu, il-Prim Ministru flimkien mas-Sinjura Gonzi u s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport Clyde Puli żaru l Pixxina Nazzjonali, f'Tal-Qroqq, u osservaw mill-viċin sessjoni ta' taħriġ ta' tfal u adulti li bħalissa qegħdin jieħdu sehem fil-programm Summer On The Move.

Dan il-programm, fl-aħħar snin kompla jikber fil-popolarità, hu organizzat mill-Kunsill Malti għall-iSport bl-għajnuna tal-Kumpanija Kellogg's. Summer On The Move għandu l-għan li jgħallem lit-tfal it-teknika tal-għawm waqt li dawn jagħmlu wkoll attività fiżika.

Matul iż-żjara tiegħu fil-pixxina, Dr Gonzi kellu ċ-cans jiltaqa' u jitkellem mat-tfal li qegħdin jieħdu sehem fil-programm kif ukoll mal-ġenituri tagħhom li ddeċidew li huma wkoll jinkitbu għal programm simili ta' taħriġ offrut ukoll mill-KMS u li jiġi organizzat waqt li wliedhom ikunu qegħdin jipparteċipaw f'Summer On The Move.

Barra minn dan, kowċis ikkwalifikati fi ħdan il-Kunsill Malti għall-iSport spjegaw lill-Prim Ministru u lis-Segretarju Parlamentari, Puli, it-tip ta' taħriġ li jingħataw kuljum il-parteċipanti f'dan il-programm.

Fi tmiem din iż-żjara, il-Prim Ministru Gonzi reġa' tenna l-impenn tal-gvern li jaħdem biex tixxettel kultura sportiva fost il-poplu Malti. Dan b'investiment kontinwu fil-faċilitajiet sportivi eżistenti u f'oħrajn ġodda li mistennija jinfetħu fil-futur.

Preżenti wkoll għal din l-attività kien hemm Bernard Vassallo, Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport, Joe Caruana Curran li minbarra li huwa direttur fi ħdan l-istess KMS, huwa wkoll il-President tal-Aquatic Sports Association (ASA) u Alex Grima, il-Kap Eżekuttiv tal-istess KMS.






# Chris Camilleri l-ewwel atleta fis-settur privat u li jibda jgawdi




L-atleta Christopher Camilleri huwa l-ewwel Malti li jaħdem fis-settur privat u qed igawdi mill-iskema tal-Gvern 20/20 li tgħin l-atleti nazzjonali jkomplu bit-taħriġ sportiv tagħhom waqt li jżommu l-karriera. Camilleri jaħdem bħala awditur mal-kumpanija Deloitte u ilu jitħarreġ fil-canoeing b'mod professjonali sa mill-2004.

Kif ġie mħabbar fl-aħħar budget, il-Kunsill Malti għall-iSport kompla jsaħħaħ din l-iskema li tgħin lill-atleti Maltin sabiex ikomplu jitħarrġu b'mod professjonali minkejja li jkollhom x-xogħol u l-professjoni tagħhom. Din l-iskema issa hija miftuħa mhux biss għal dawk li jaħdmu mal-gvern iżda anke għal atleti oħra Maltin u Għawdxin, li bħal Camilleri jaħdmu fis-settur privat.

Camilleri qed igawdi minn din l-iskema ta' 20/20 billi jaqsam il-ħin bejn ix-xogħol u l-isport u għaldaqstant jagħmel 20 siegħa ta' xogħol u għoxrin siegħa oħra ta' taħriġ sportiv. Il-kumpanija fejn jaħdem magħha Camilleri tħallas il-paga sħiħa tal-atleta u mbagħad tieħu nofs il-paga lura mill-gvern taħt din l-iskema li hi mmirata li tgħin lill-atleti nazzjonali biex ikomplu jirnexxu fl-isport.

Waqt konferenza tal-aħbarijiet li saret f'Ta' Xbiex, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, iltaqa' personalment ma' Camilleri. Puli spjega li għal din is-sena l-gvern alloka €100,000 biex jagħti appoġġ lill-isportivi. Dan l-ammont jitla' għal €150,000 s-sena d-dieħla għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar. Puli fakkar ukoll li qed jitkompla l-investiment fl-iżvilupp ta' faċilitajiet sportivi ġodda li permezz tagħhom igawdu dixxiplini sportivi differenti.

Intant Puli żvela wkoll li infetħu l-applikazzjonijiet ta' skema oħra simili li minnha se jgawdu wkoll l-isportivi li jaħdmu mal-Forzi Armati ta' Malta. Preżenti għall-attività kien hemm ukoll Bernard Vassallo, Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport.




# Malti li jaħdem mill-iskema 20-20

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt



Intant, flimkien ma' Matthew Schembri, f'nofs ix-xahar, Chris Camilleri ħa sehem ukoll fi training camp organizzat mill-International Canoe Federation f'Dunavarsany l-Ungerija. Dan il-kamp tmexxa minn Csaba Huttner, personalità importanti f'dan l-isport. Wara l-atleti Maltin ipparteċipaw ukoll fl-ICF Canoe Sprint World Championships li saru f'Szeged ukoll l-Ungerija. Waqt dawn il-kampjonati mondjali, Camilleri u Schembri kienu akkumpanjati minn Nicola Borg Costanzi bħala team leader u l-head coach tagħhom Kata Pongracz.

Ta' min wieħed jinnota li fil-bidu tax-xahar, kemm Camilleri u anki Schembri ħadu sehem f'kompetizzjoni oħra internazzjonali fi Sqallija fejn spiċċaw fit-tielet post fil-kompetizzjoni tal-irġiel K1 fuq distanza ta' 1000 metru filwaqt li Nicola Borg Costanzi temmet l-ewwel fil-kompetizzjoni femminili K1 ukoll fuq 1000 metru.

kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# Applikazzjonijiet għall-AFM Sport Unit Amministrata mill-KMS

Ftit tal-jiem ilu, fetħu l-applikazzjonijiet għal reklutaġġ ta' atleti mal-Forzi Armati ta' Malta. Permezz ta' din l-iskema l-AFM se tkun qed toħloq taqsima li magħha timpjega sportivi elite u Nazzjonali bħala suldati.

Din l-iskema hija inizjattiva oħra li turi l-impenn tal-Gvern fil-qasam sportiv. Permezz ta' twaqqif ta' unit speċjalizzat fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta, issa se jiġu ngaġġati mal-Armata atleti Nazzjonali fuq bażi professjonali.

Din l-iskema se tkun qed titħaddem fuq żewġ livelli ta' taħriġ. Fl-ewwel livell, is-suldat sportiv se jkun qed jitħarreġ 20 siegħa fil-ġimgħa fl-isport tiegħu u 20 siegħa fil-ġimgħa fil-ħidma tal-Armata. Fit-tieni livell is-suldat sportiv se jkun qed jitħarreġ fid-dixxiplina sportiva għal 40 siegħa sħaħ fil-ġimgħa.

L-Armata se tkun qed tassenja fizzjal biex imexxi dan il-unit filwaqt li l-Kunsill Malti għall-Isport se jkun qed jamministra din l-iskema.

L-amministrazzjoni u t-taħriġ sportiv se jkun kollu kemm hu amministrat u kkordinat mill-Kunsill Malti għall-iSport.

Is-sistema taħdem billi Assoċjazzjoni Nazzjonali tipproponi l-kandidatura ta' atleti biex jissieħbu f'din it-taqsima. L-AFM flimkien mal-KMS jagħżlu l-atleti li jikkwalifikaw.

Din l-iskema tikkumplimenta l-lista ta' skemi eżistenti li l-Gvern joffri lill-isport elite. Fil-fatt bil-għan li jkompli jippromwovi l-isport elite il-Gvern jagħti leave bi ħlas lill-atleti li jaħdmu maċ-Civil li jipparteċipaw fi sport barra minn Malta fejn is-sena li għaddiet il-Gvern irċieva u approva 186 talba li bejniethom ħadu 925 ġurnata leave bi ħlas.

Il Gvern, permezz tal-KMS, jamministra wkoll l-iskema 20/20 Sport Training Leave mas-settur pubbliku fejn atleti Nazzjonali li jaħdmu mas-settur pubbliku jistgħu jingħataw sa massimu ta' 20 siegħa leave bi ħlas fil-ġimgħa biex jitħarrġu fid-dixxiplina sportiva tagħhom.

Ftit tal-granet ilu, il-Gvern nieda l-iskema ta' 20/20 Sport Training Leave għall-atleti Nazzjonali li jaħdmu mas-settur privat u diġà hemm l-ewwel atleta li qed jibbenefika minn din l-iskema.

F'dawn l-aħħar snin, il-Gvern ta diversi għajnuniet finanzjarji lill-Għaqdiet sportivi permezz ta' diversi skemi.

Din is-sena biss, din l-għajnuna laħqet il-€5.5 miljun.








# Il-Kunsill Malti għall-iSport fil-ġlieda kontra d-Doping

Il-WADA (World Anti-Doping Agency) hija l-Aġenzija Dinjija tal-*Anti-Doping*, fondazzjoni internazzjonali li ġiet ikkostitwita, fl-1999, biex tħares il-ġlieda kontra d-doping fl-isports. Il-WADA kienet strumentali fl-iżvilupp tal-Kodiċi tal-*Anti-Doping* (WADA Code). Dan il-Kodiċi ġie adottat għal-ewwel darba fl-2003, bl-emenda sussegwenti tiġi fis-seħħ fl-2009. Il-Kodiċi jfassal l-istess regolamenti għall-kull tip ta' sport u għal kull pajjiż fid-dinja. B'hekk irrispettivament mit-tip ta' sport jew il-pajjiż fejn qed isiru t-testijiet tad-doping, l-atleti huma suġġett għall-istess regolamenti tal-*anti-doping*.

Il-Kunsill Malti għall-iSport huwa rikonoxxut mill-WADA bħala l-Organizzazzjoni Nazzjonali tal-*Anti-Doping* magħruf fil-qasir bħala NADO. Il-KMS għandu l-awtorità u r-responabbiltà prinċipali li jadotta u jimplimenta r-regolamenti tal-*anti-doping*, jikkontrolla l-ġbir ta' kampjuni, il-ġestjoni tar-riżultati tat-testijiet u t-tmexxija tas-seduti tas-smiegħ fuq livell nazzjonali.

Fid-19 ta' Lujlu 2011, il-Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati Avviż Legali Nru. 281 tal-2011 – Regolamenti tal-*Anti-Doping*, 2011 biex b'hekk dawn ir-Regolamenti ġew inkorporati fl-Att Dwar l-iSports (Kap 455). B'hekk kull organizzazzjoni sportiva nazzjonali tiġi rregolata b'dawn ir-regolamenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll tad-doping.



## X'inhu d-Doping?

Doping huwa l-użu ta' sustanza projbita jew il-metaboliti jew il-*markers* tagħha jew metodu projbit biex ittejjeb il-prestazzjoni f'kompetizzjoni. Il-preżenza ta' sustanza projbita jew il-metaboliti jew il-*markers* tagħha fil-kampjun tal-atleta ifisser ksur tar-regolamenti tal-*anti-doping*.

Kull sena l-WADA tippubblika 'Lista Projbita' li tiddentifika s-sustanzi projbiti u l-metodi projbiti kemm *In-Competition* kif ukoll *Out-of-Competition*. Il-Lista tindika wkoll liema huma dawk is-sustanzi jew metodi projbiti f'ċerti dixxiplini sportivi.

Id-Doping huwa pprojbit għax imur kontra l-ispirtu tal-isport u jtappan l-immaġini tal-isport. Id-Doping huwa theddida għall-isport u jimmina l-prinċipju ta' kompetizzjoni xierqa u ġusta. Minbarra li d-doping mhux ġust, dan joħloq ukoll theddida serja għas-saħħa tal-atleta.

Il-KMS bħala l-Organizzazzjoni Nazzjonali tal-Anti-Doping għandu rwol importanti fil-ġlieda kontra d-doping. Il-KMS għandu l-obbligu li jagħmel kontrolli fuq l-atleti tiegħu u għalhekk qed ifassal pjan biex jittieħdu diversi kampjuni mill-atleti biex jiġi mħares il-kunċett ta' *fair Play* u biex



kull parteċipant jiġi assigurat minn kompetizzjoni ġusta.

## Il-Kontroll tad-Doping

Atleti li jikkompetu fuq livelli nazzjonali jew internazzjonali huma suġġetti għall-kontroll f'KULL ĦIN u KULLIMKIEN. Il-Kontroll tad-Doping isir skont kif stipulat fir-Regolamenti tal-*Anti-doping*, skont il-Kodiċi u skont l-iStandard Internazzjonali għat-testijiet li huwa nkorporat fil-Kodiċi.

Testijiet jistgħu jsiru kemm *In-Competition* jiġifieri waqt kompetizzjoni jew avveniment, kif ukoll *Out-of-Competition* jiġifieri fi żmien barra l-kompetizzjoni. B'hekk jista' jsir kontroll sħiħ u jiġi aċċertat li ma hemm l-ebda ksur tar-regolamenti. It-testijiet *Out-of-Competition* isiru mingħajr avviż filwaqt li fit-testijiet *In-Competition* l-atleta jiġi nnotifikat minn uffiċjal tal-KMS hekk kif l-atleta jispiċċa mill-kompetizzjoni. Għal aktar tagħrif wieħed jista' jċempel lil-Kunsill Malti għall-iSport fuq 21660648 jew jmur fuq is-sit www.sportmalta.org.mt

## Regatta Jum il-Vitorja

# Mistennija kompetizzjoni kumbattuta bl-Isla tibda ftit aktar ikkwotata



Sena ilu l-Isla kienu rebħu waħda mill-aktar edizzjonijiet missielta tax-Shield ta' Jum il-Vitorja. Minkejja li kienu l-akbar favoriti biex jirbħu dan l-unur, l-Isla sabu kompetizzjoni diffiċli minn Bormla li huma meqjusa bħala rivali eterni ta' xulxin f'dan l-isport. Fir-regatta tas-sena l-oħra, kollox baqa' nċert sal-aħħar tiġrija u fil-fatt kienet l-għaxar tiġrija għal dgħajjes B tal-pass b'erba' mqadef li ddeterminat ir-rebbieħ tax-Shield fil-kategorija Open.

L-istess emozzjoni mistennija terġa' tissokta nhar il-Ħamis, 8 ta' Settembru, li ġej, hekk kif fil-Port il-Kbir se tiġi organizzata edizzjoni oħra tar-Regatta Nazzjonali mill-Kunsill Malti għall-iSport b'kollaborazzjoni mal-Għaqda Regatta Nazzjonali. Il-pronostiċi għal din is-sena huma simili għal dawk li kien hemm sena ilu bl-avversarji kollha jikkunsidraw lill-Isla bħala l-akbar sfidanti biex jirbħu dan ix-Shield għat-22 darba fl-istorja glorjuża tagħhom.

### L-Isla

L-esperjenza u t-talent li hemm fost il-qaddiefa tal-Isla tagħmel lil dan il-klabb l-aktar wieħed b'saħħtu, tal-anqas fuq il-karta. F'dawn l-aħħar snin, il-kumitat tal-Isla ħadem biex isaħħaħ it-tim u llum dan ix-xogħol qed jagħti l-frott mixtieq. L-Isla mhux biss rebħet l-edizzjoni ta' sena ilu, iżda kisbet ix-Shield ta' Jum il-Ħelsien li għadda.

### Bormla

L-akbar avversarji diretti għall-Isla jerġgħu jkunu Bormla li, bħal kull sena, qed jaspiraw li jirbħu x-Shield għall-ispejjeż tal-ġirien. Biex jilħqu ma' din il-mira, din is-sena Bormla akkwistaw lil Marlon Cutajar mingħand Marsamxett. Cutajar jaqdef b'ta' bi Tnejn waqt li reġa' rritorna ma' Bormla Redent Cassar li jaqdef fil-kompetizzjoni tal-frejgatina.

### Kalkara u Marsa

Bħal kull sena, il-Kalkara u l-Marsa mistennija jerġgħu jagħtu sfida denja u għalkemm forsi ma jaslux sabiex jirbħu x-Shield, madankollu żgur li se jkunu qed jagħmlu minn kollox biex ikunu lejn in-naħa ta' fuq tal-klassifika. Fuq kollox il-prestazzjonijiet u r-riżultati tagħhom fil-ġurnata jafu jiddeteriminaw fejn tmur ix-Shield ta' din is-sena.

Ikun żball, iżda, jekk wieħed jeskludi l-possibbiltà ta' sorpriża jew jissottovaluta lil dawn iż-żewġ klabbs. Fl-aħħar żewġ shields, il-Kalkara wrew progress konsiderevoli u dan jikkonferma l-ħidma li qed issir fi ħdan il-klabb. Jekk wieħed iħares lejn ir-riżultati li akkwista dan id-distrett f'Kategorija B, allura malajr jintebaħ li hemm bażi tajba u potenzjalment jistgħu jinkisbu aktar riżultati tajbin fl-edizzjonijiet li jmiss. Kien għalhekk li din is-sena l-Kalkara għażlu li jitilgħu targa fil-Kategorija A. F'Marzu, li għadda, huma rrnexxielhom jirbħu żewġ tiġrijiet u f'tiġrija oħra temmew fit-tielet post. Għaldaqstant, dan il-klabb qed iħares li jkompli jtejjeb dan ir riżultat b'aktar prestazzjonijiet tajba fir-regatta ta' Jum il-Vitorja.

L-istess jista' jingħad dwar Marsa. L-ambizzjoni ta' dan il-klabb tibqa' li x-Shield tirritorna f'din il-lokalità u għalhekk il-kumitat qed jaħdem bis-sħiħ biex jilħaq dan l-objettiv. Fl-istess waqt il-Marsin huma konxji mill-potenzjal u s-saħħa tal-avversarji l-oħra, primarjament tal-Isla u Bormla. Il-politika attwali tal-kumitat tat-tmexxija ta' dan il-klabb hu li jagħti aktar mportanza lit-talent żagħżugħ u b'dan il-mod ikun qed jinvesti fil-futur tal-klabb bit-tama li f'qasir żmien il-Marsa tirritorna fil-quċċata tar-Regatta f'pajjiżna.

### Birgu

Klabb ieħor li wkoll għandu storja sabiħa fir-Regatta huwa dak tal-Birgu. Dan il-klabb qed jaħdem sabiex sa erba' snin oħra jkun bena tim kompetittiv għar-rebħ tax-Shield. Għaldaqstant l-edizzjoni li jmiss mistennija tkun sena oħra ta' prova għall-qaddiefa tagħhom. It-tim qed jittama f'dan il-progress mixtieq u jkunu biżżejjed sodisfatti jekk ikun hemm prestazzjonijiet tajba mit-tim żagħażugħ tagħhom. Ta' min wieħed jgħid li l-qaddiefa li se jikkompetu għall-Birgu, fit-8 ta' Settembru li ġej, huma kollha proprjetà tal-klabb. Fil-fatt l-akbar akkwist tal-klabb ta' din is-sena kien Clint Grech, qaddief mill-Birgu li rritorna jaqdef għall-klabb li miegħu kien beda l-karriera. Permezz ta' dan l-akkwist, l-amministrazzjoni tal-Birgu qed taspira li ġġib aktar qaddiefa minn din il-lokalità u li fil-preżent qed jaqdfu ma' klabbs oħra. B'dan it-tragward f'moħħ id-diriġenti tal-klabb, il-futur jidher li hu wieħed sabiħ sabiex f'qasir żmien il-Birgu jirritornaw jikkompetu għall-unuri.

### Birżebbuġa u Marsamxett

Wieħed ma jridx jinsa lil Birżebbuġa u lil Marsamxett li wkoll jipparteċipaw fir-Regatta Nazzjonali u għandhom kumitat ħabrieki li kontinwament jaħdem biex il-klabb iġib l-aqwa riżultati possibbli. Għal darb'oħra l-għan ta' dawn iż-żewġ klabbs jerġa' jkun li jagħtu sfida denja għar-rebħ tax-Shield fil-Kategorija B u għalhekk mhuwiex sigriet li dawn iż-żewġ klabbs se jkunu qed jagħfsu l-aktar fuq din il-kategorija.

JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 30 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt



# Neptunes fi klassi għalihom!





Wara li l-logħob tal-preliminari ntemm u t-timijiet inqasmu f'żewġ diviżjonijiet, huma ħadu magħhom ukoll il-punti li kisbu fil-'Play Offs' li saru. It-timijiet bdew il-logħob proprju b'dawn il-punti:

**I Divizjoni**

| | |
|---|---|
| 5 pti | Neptunes Emirates |
| 3 pti | Sliema McDonalds |
| 2 pti | San Giljan Giuseppe's |
| 1 pt | Sirens Ritter Sports |
| 0 pti | 3CX Exiles |

**II Diviżjoni**

| | |
|---|---|
| 4 pti | M'skala meat.com.mt |
| 2 ptl | Valletta Dhalia |
| 1 pt | Otters Nivea |
| 0 pti | Ta Xbiex ASC |

Fl-Ewwel Diviżjoni s'issa Neptunes rebħu l-logħbiet kollha u jgawdu vantaġġ tajjeb fuq it-timijiet l-oħra. Spikkaw ukoll San Ġiljan, li jinsabu fit-tieni post, waqt li Sliema kellhom diversi telfiet, li tefgħuhom fit-tielet post. L-ebda punti s'issa għal Exiles.

Fit-Tieni Diviżjoni, Marsaskala nqatgħu mit-timijiet l-oħra għalkemm baqgħu jħossu t-telf tan-Knock-Out, Valletta huma certi mit-tieni post, biex jilagħbu fil-finali għar-rebħ tal-kampjonat fuq bażi ta' tliet partiti. Otters irnexxielhom jirbħu l-ewwel logħba tagħhom dan l-istaġun.

Il-logħob tan-Knock-Out sar aktar kmieni mill-istaġuni preċedenti u ntlagħab fuq bażi ta' żewġ partiti u l-iskor magħdud wara t-tieni logħba.

Fl-Ewwel Diviżjoni, Sirens Ritter Sports eliminaw lil San Giljan Giuseppe's fil-preliminari biex imbagħad inqalgħu kontra Neptunes Emirates, fis-semi finali. Fl-oħra saret waħda mis-sorpriżi kbar meta Sliema McDonalds tilfu vantaġġ ta' erba' gowls, mill-ewwel partita, u ġew umiljati minn 3CX





Exiles, fit-tieni waħda, biex Exiles rebħu l-ewwel logħba tagħhom kontra Sliema kemm ilhom jilagħbu. Fil-finali l-ebda diffikultà għal Neptunes, li kienu qegħdin jirbħu dan l-unur għad-19-il darba, għalkemm Exiles baqgħu mhux daqstant 'il bogħod mill-avversarji.

Fit-Tieni Diviżjoni, iż-żewġ semi finali kienu missielta. Ta' Xbiex ASC eliminaw lil Otters Nivea b'gowl vantaġġ fiż-żewġ partiti, waqt li Marsaskala meat.com.mt għelbu lil Valletta Dhalia b'erba' gowls fl-ewwel logħba imma tilfu bi tliet gowls it-tieni partita, biex għaddew għall-finali b'gowl wieħed minn fuq. Ta' Xbiex ħolqu sorpriża fil-finali meta ħarġu rebbieħa fuq Marsaskala, aktar ikkwotati minnhom, u rebħulhom b'vatnaġġ ta' gowl wieħed.

## Knock-Out – I Diviżjoni

**I Preliminari**
**San Giljan Giuseppe's** 11
**Sirens Ritter Sports** 11
(6-2, 1-1, 1-4, 3-4)
Referis: M. Dalli, R. Colombo

**II Preliminari**
**Sirens Ritter Sports** 12
**San Giljan Giuseppe's** 8
Aggregate 23-19
(3-0, 3-4, 3-2, 3-2)
Referis: S. Licari, F. Ricciotti

**I Semi Finali**
**3CX Exiles** 10
**Sliema McDonalds** 14
(3-2, 1-4, 3-3, 3-5)
Referis: M. Angileri, R. Colombo

**II Semi Finali**
**Sliema McDonalds** 7
**3CX Exiles** 13
Aggregate: 21-23
(2-4, 1-4, 1-2, 3-3)
Referis: P. Balzan, M. Piano

**I Semi Finali**
**Sirens Ritter Sports** 5
**Neptunes Emirates** 17
(2-4, 0-4, 2-5, 1-4)
Referis: M. Dalli, F. Ricciotti

**II Semi Finali**
**Neptunes Emirates** 17
**Sirens Ritter Sports** 11
(6-1, 4-3, 2-4, 5-3)
Aggregate: 34-16
Referis: M. Angileri, M. Piano

**Finali**
**Neptunes Emirates** 9
**3CX Exiles** 5
(3-0, 3-3, 1-0, 2-2)
Refeees: M. Angileri, P. Bensaia

## Knock-Out - II Diviżjoni

**II Semi Finali**
**Ta' Xbiex ASC** 16
**Otters Nivea** 15
(3-4, 6-3, 2-4, 5-4)
Referis: S. Licari, R. Spiteri

**II Semi Finali**
**Otters Nivea** 13
**Ta' Xbiex ASC** 14
Aggregate: 28-30
(4-2, 3-4, 4-5, 2-3)
Referis: A. De Raffaele, S. Licari

**I Semi Finali**
**Valletta Dhalia** 7
**M'skala meat.com.mt** 11
(2-3, 1-2, 1-3, 3-3)
Referis: M. Dalli, P. Giordano

**II Semi Finali**
**M'skala meat.com.mt** 8
**Valletta Dhalia** 11
(1-3, 1-2, 3-2, 3-4)
Aggregate: 19-18
Referis: A. De Raffaele, R. Spiteri

**Finali**
**Ta Xbiex ASC** 10
**M'skala meat.com.mt** 9
(2-3, 5-2, 1-3, 2-1)
Referis: P. Balzan, S. Licari

## Kampjonat BOV I Diviżjoni

**San Giljan Giuseppe's** 12
**Sirens Ritter Sports** 11
(1-3, 4-4, 4-3, 3-1)
Referis: P. Balzan, D. Di Meo

**Sliema McDonalds** 15
**3CX Exiles** 12
(4-1, 3-2, 4-6, 4-3)
Referis: M. Dalli, D. Di Meo

**Neptunes Emirates** 21
**Sirens Ritter Sports** 8
(4-2, 8-1, 5-4, 4-1)
Referis: M. Angileri, P. Balzan

**Sliema McDonalds** 8
**San Giljan Guiseppe's** 11
(1-2, 1-1, 2-5, 4-3)
Referis: M. Dalli, D. Rotondano

**Sirens Ritter Sports** 16
**3CX Exiles** 10
(4-2, 4-2, 4-2, 4-4)
Referis: P. Balzan, D. Rotondano

**San Giljan Giuseppe's** 12
**Neptunes Emirates** 15
(2-3, 3-4, 3-5, 4-3)
Referis: S. Licari, D. Rotondano

**3CX Exiles** 9
**San Giljan Giuseppe's** 12
(1-3, 2-3, 4-3, 2-3)
Referis: M. Dalli. P. Balzan

**Neptunes Emirates** 14
**Sliema McDonalds** 11
(4-3, 2-2, 3-2, 5-4)
Referis: M. Angileri, S. Scappini

**3CX Exiles** 10
**Neptunes Emirates** 19
(3-5, 3-4, 4-3, 0-7)
Referis: M. Angileri, S. Scappini

**Sirens Ritter Sports** 10
**Sliema McDonalds** 8
(0-3, 4-2, 3-1, 3-2)
Referis: M. Dalli, S. Scappini

**Sirens Ritter Sports** 7
**San Giljan Giuseppe's** 11
(1-1, 3-4, 0-3, 3-3)
Referis: P. Balzan, A. Pascucci

**3CX Exiles** 6
**Sliema McDonalds** 11
(1-4, 2-2, 2-3, 1-2)
Referis: M. Angileri, A. Pascucci

**Sirens Ritter Sports** 10
**Neptunes Emirates** 18
(4-4, 1-4, 3-8, 2-2)
Referis: P. Balzan, L. Castagnola

**San Giljan Giuseppe's** 9
**Sliema McDonalds** 16
(1-4, 3-4, 2-3, 3-5)
Referis: M. Angileri, L. Castagnola

**Klassifika**

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Neptunes E. | 5 | 5 | 0 | 0 | 87 | 51 | 20 |
| S. Giljan Giuseppe's | 6 | 4 | 0 | 2 | 67 | 66 | 14 |
| Sliema McDonalds | 6 | 3 | 0 | 3 | 69 | 62 | 12 |
| Sirens Ritter Sports | 6 | 2 | 0 | 4 | 62 | 80 | 7 |
| 3CX Exiles | 5 | 0 | 0 | 5 | 47 | 73 | 0 |

## Kampjonat BOV II Diviżjoni

**M'skala meat.com.mt** 21
**Ta Xbiex ASC** 10
(7-3, 2-2, 5-3, 7-2)
Referis: M. Angileri, R. Spiteri

**Valletta Dhalia** 14
**Otters Nivea** 13
(5-3, 4-3, 2-5, 3-2)
Referis: P. Giordano, R. Spiteri

**M'skala meat.com.mt** 7
**Valletta Dhalia** 4
(0-2, 3-1, 1-0, 3-1)
Referis: M. Dalli, R. Spiteri

**Ta' Xbiex ASC** 15
**Otters Nivea** 8
(2-4, 3-1, 6-1, 4-2)
Referis: R. Spiteri, P. Giordano

**Valletta Dhalia** 10
**Ta' Xbiex** 10
(3-4, 1-2, 3-1, 3-3)
Referis: R. Spiteri, A de Raffaele

**Otters Nivea** 9
**M'skala meat.com.mt** 13
(2-3, 2-3, 2-5, 3-2)
Referis: M. Angileri, P. Giordano

**Otters Nivea** 10
**Valletta Dhalia** 12
(3-3, 2-2, 2-5, 3-2)
Referis: A. de Raffaele, S. Licari

**Ta Xbiex ASC** 10
**M'skala meat.com.mt** 24
(2-6, 3-6, 4-4, 1-8)
Referis: A. de Raffaele, P. Balzan

**Otters Nivea** 15
**Ta' Xbiex ASC** 14
(1 4, 3 4, 7 2, 4 4)
Referis: S. Licari, P. Giordano

**Valletta Dhalia** 9
**M'skala meat.com.mt** 16
(3-4, 2-2, 2-4, 2-6)
Referis: M. Dalli, R. Spiteri

**Klassifika**

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M'skala meat.com.mt | 5 | 5 | 0 | 0 | 81 | 42 | 20 |
| Valletta Dhalia | 5 | 2 | 1 | 2 | 49 | 56 | 10 |
| Otters Nivea | 5 | 1 | 0 | 4 | 55 | 68 | 5 |
| Ta' Xbiex ASC | 5 | 1 | 1 | 3 | 59 | 78 | 5 |

# Fejn intrebħu l-unuri tal-Futbol

L-istaġun tal-Futboll Għawdxi 2010/11 ġie fi tmiemu bil-Premjazzjoni Annwali li torganizza l-Gozo F.A. fl-aħħar ta' kull staġun.

Fl-istess serata kienu ppremjati t-timijiet kollha li kisbu xi suċċess matul dan l-istaġun li għadu kif intemm. Ippremjati wkoll kienu dawk l-individwi li rebħu d-diversi kategoriji, kif ukoll apprezzamenti ġodda li kienu introdotti dan l-istaġun.

Matul is-serata saru wkoll diversi messaġġi tal-okkażjoni. Dawn saru minn Alvin Grech, President tal-GFA, Joe Bajada, Segretarju Ġenerali tal-GFA, Sandro Micallef, rappreżentant ta' Melita Cable plc f'isem l-isponsors, Norman Darmanin Demajo, President tal-MFA u minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex.

**Unuri mirbuħa ndividwalment**

Bħala l-Aqwa Plejer tas-Sena tal-GFA tal-I Diviżjoni ntagħażel Chris Camilleri ta' Sannat Lions F.C., filwaqt li l-Aqwa Plejer Barrani tas-Sena tal-GFA I Diviżjoni ntrebaħ minn Yannik Ossuk ta' Għajnsielem F.C. L-Aqwa Plejers ta' Kategoriji oħra kienu dawn: Joseph Bartolo (Xagħra United F.C. - II Diviżjoni), Daniel Farrugia (Victoria Hotspurs F.C.- U/21), Daniel Portelli (Nadur Youngsters F.C. - U/17), Damon Hili (Għajnsielem F.C. - U/14), Manwel Gauci (Gozo F.C. U/15), Rita Azzopardi (Gozo F.C. Nisa) u Michelle Zuber (SK Victoria Wanderers - GFA tan-Nisa U/16).

Bħala L-Aqwa Skorers spiċċaw: John Camilleri (Sannat Lions F.C. I Diviżjoni - 18 il-gowl), Dione Lautier (Oratory Youths F.C. - II Diviżjoni - 17 il-gowl), Oliver Farrugia (Victoria Hotspurs F.C. - U/21 - 13 il-gowl), Dylan Bellotti (Victoria Hotspurs F.C. - U/17 – 31 gowl), Joshua Buttigieg (Qala Saints F.C.) u Stefan Cassar (Oratory Youths F.C.), - U/14 – 40 gowl), Gennaro Hili (Gozo F.C. U/15 – 12 il-gowl), Josline Gafa (SK Victoria Wanderers - GFA tan-Nisa – 9 gowls) u Yanika Mercieca (Xagħra United F.C. - GFA tan-Nisa U/16 – 12 il-gowl).

Bħala l-iktar Plejers Promettenti ntagħażlu: Nicholas Vella (SK Victoria Wanderers - I Diviżjoni), Christian Cassar (Żebbuġ Rovers F.C. - II Diviżjoni), Stefan Farrugia (Xewkija Tigers F.C. - U/21), Jason Thewma (St Lawrence Spurs F.C. - U/17), Daniel Borg (Sannat Lions F.C. - U/14), Chris Mercieca (Gozo F.C. U/15), Tracey Thewma (Gozo F.C. tan-Nisa), Lee Ann Cefai (SK Victoria Wanderers - GFA tan-Nisa U/16),

Unuri oħrajn kienu dawn: Mario Bugeja (SK Victoria Wanderers - Uffiċċjal tas-Sena tal-GFA), George Vella Muscat (ex-Segretarju Ġenerali tal-GFA - l-iktar ex-Membru li ħadem fil-GFA), Eucharist Mercieca (Xagħra United F.C. – l-iktar ex-Membru li ħadem fi Klabb Għawdxi), Eddie Vella (l-iktar ex-Membru li ħadem fil-Futbol Għawdxi) u Zakkarija Cilia (ex-Xewkija Tigers F.C. - l-Iktar Memorja ta' Ġid għal Futbol Għawdxi).

F'din is-serata ġew mogħtija erba' apprezzamenti għal min kompla jagħmel isem mhux biss għalih personali iżda anke għal GFA bl-impenji tiegħu fi ħdan l-MFA. Dawn kienu Mark Buttigieg (Physical Trainer tal-MFA 2010-11), Shaun Bajada (Plejer tas-Sena tal-MFA 2009-10), Steve Sultana (Gowlkiper tat-Tim Nazzjonali Malti U/21) u Adrian Parnis (Gowlkiper tat-Tim Nazzjonali Malti U/21).

**Unuri mirbuħa mit-Timijiet**

Sannat Lions F.C., minbarra li spiċċaw Champions tal-Ewwel Diviżjoni għall-għaxar darba fl-istorja







## 2010/11

tagħhom, akkwistaw ukoll żewġ unuri oħra li kienu r-Rikardu Ellis Super Cup u t-Tazza Jum il-Ħelsien.

Nadur Youngsters F.C. rebħu l-BOV GFA Cup, filwaqt li unur ieħor tal-għola diviżjoni ntrebaħ minn SK Victoria Wanderers li ħadu t-Tazza Indipendenza.

Fit-Tieni Diviżjoni, Xagħra United F.C. spiċċaw Champions wara li rebħu d-decider kontra Żebbuġ Rovers. Huma għamlu double billi rebħu l-Sportika Knock Out tal-istess Kategorija. Kerċem Ajax F.C. imbagħad rebħu l-Sportika Super Cup tal-istess diviżjoni.

Il-Kategoriji l-oħra ntrebħu hekk: Victoria Hotspurs F.C. Champions tal-U/21; Nadur Youngsters F.C. Champions tal-U/17 u Victoria Hotspurs F.C. akkwistaw l-Powerade K.O. tal-istess kategorija. Għajnsielem F.C. għamlu double fl-U/14 fejn minbarra li spiċċaw Champions, rebħu wkoll l-Powerade K.O. tal-istess kategorija. SK Victoria Wanderers għamlu double fil-Kampjonat tal-U/16 tat-Tfajliet fejn minbarra li spiċċaw Champions, rebħu wkoll l-BOV K.O. tal-istess Kategorija. Għarb Rangers F.C. spiċċaw rebbieħa tal-Good Conduct Cup.



minn Joe Bajada



# Festival Sportiv b'differenza għat-tfal



Fi tmiem l-istaġun li għadda fil-Gozo Stadium inżamm festival sportiv ta' futbol b'differenza organizzat mill-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew, f'Malta, flimkien mal-Gozo Football Association u l-Kunsill Malti għall-iSport. F'din il-ħames edizzjoni tal-Festival tal-Futbol tal-Parlament Ewropew, li sar bħala parti miċ-Ċelebrazzjonijet marbuta ma' Jum l-Ewropa 2011, ħadu sehem għadd ta' tfal minn Nurseries Għawdxin kif ukoll Maltin. Kull min lagħab ingħata tifkira sabiħa għall-parteċipazzjoni tiegħu.

Hawn saru xi messaġġi tal-okkażjoni fejn Julian Vassallo, il-Kap tal-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew fil-Belt Valletta, qal li Jum l-Ewropa jfisser it-tmiem ta' sekli sħaħ li matulhom il-loġika Ewropea kienet imsejsa fuq il-gwerer fejn bħalissa, iżda, s-sitwazzjoni lil hinn minn xtutna hija differenti ħafna. Huwa qal li filwaqt li bosta pajjiżi fid-dinja jidhru lesti jagħlqu għajnejhom għal dak li qed iseħħ fil-Mediterran, huma l-Ewropej li ħadu t-tmexxija sabiex jieqfu lir-reġimi li lesti li jduru kontra nieshom stess akkost li jibqgħu mqabbda mal-poter fejn huma l-Ewropej li qed jaqbżu għal dawk li qed jirriskjaw ħajjithom sabiex jiksbu l-libertajiet u l-opportunitajiet li nieħdu mill-Unjoni Ewropea.

Min-naħa tal-Membru tal-Parlament Ewropew, Simon Busuttil, dan qal li Jum l-Ewropa huwa ċelebrazzjoni ta' valuri mportanti bħad-demokrazija, valur li issa l-Ewropa għandha tgħin biex jinkiseb mill-popli li jgħixu fil-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq bħall-Libja.

Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Kosumatur, il-Kompetizzjoni Ġusta, il-Kunsilli Lokali u d-Djalogu Pubbliku, qal li t-tifsira ta' Jum l-Ewropa kienet marbuta mat-tmiem ta' kunflitti kbar fil-kontinent Ewropew u l-bidu ta' żmien ta' prosperità fost in-nazzjonijet Ewropej. Huwa rrefera għas-sitwazzjoni preżenti fl-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani fejn nazzjonijiet sħaħ kienu qamu kontra l-oppressjoni u esprimew xewqathom għal-libertà u d-demokrazija, u għamel paragun mar-rivoluzzjonijiet li kienu seħħew f'bosta pajjiżi Ewropej fis-seklu dsatax u mal-waqgħa tal-Komuniżmu fl-Ewropa tal-Lvant fl-aħħar tas-snin tmenin.

Dr Said saħaq dwar l-importanza li l-UE tiġi ċċelebrata għall-opportunitajiet li toffri liċ-ċittadini tagħha permezz tal-paċi u sigurtà, il-mobilità tal-ħaddiema u l-istudenti, l-opportunitajiet ġodda ta' xogħol, ambjent aħjar kif ukoll drittijiet u libertajiet garantiti.






Apple Tooma - race 3



Marchallach - race 2



Master Lupin - race 5



Pout De Quelaines - race 4

# RIŻULTATI,

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 8 ta' Lulju 2011

**RACE 1 - (2140m) Class Copper Autostart**
1 Joker du Cornica (Victor Grech)
2 Conrads Circle (Shaun Formosa)
3 Jet Starline (Mario Fenech)
4 Leo de Gratens (George Attard)

**RACE 2 - (2140m) Class Silver Autostart**
1 Royal Crafts K. (Redent Magro)
2 Pout de Quelaines (David Galea)
3 Orlov du Poncelet (Julian Farrugia)
4 Odelvio (Rodney Gatt)

**RACE 3 - (2140m) Class Bronze Autostart**
1 Belbroughton Road (D. John Mercieca)
2 Icare de Jemma (Tony Demanuele)
3 Carry Me Back (Kevin Sciberras)
4 Pajarito Nada (France Tanti)

**RACE 4 - (2140m) Class Silver Autostart**
1 Hulot (Jason Vassallo)
2 Maitre de Bannes (Dario Fenech)
3 Magic Andjac (Anthony Spagnol)
4 Mad Hatter (Ivan Stivala)

**RACE 5 - (2140m) Class Gold Autostart**
1 Nacarat Campbell (Charles Camilleri)
2 Kingpin la Marc (Rodney Gatt)
3 Noc de Bussy (Tony Tanti)
4 Ludo de Bellande (Brian Hili)

**RACE 6 - (2140m) Class Premier Autostart**
1 Energy Launcher (Alex Cortis)
2 Candy Fantasy (Melvin Farrugia)
3 Ringside (Paul Bonello)
4 Key Value (Mark Tanti)

**RACE 7 - (2140m) Class Bronze Autostart**
1 Marchallach (Rodney Gatt)
2 Apple Tooma (Michael Ellul)
3 Hawkear (Charles Camilleri)
4 Minou de Perdriat (Francis Cassar)

**RACE 8 - (2140m) Class Premier Autostart**
1 Mentor de l'Iton (Brian Hili)
2 Le Coup de Foudre (Charles Camilleri)
3 Happiness Photo (Rodney Gatt)
4 Energy As (Carmelo Farrugia)

**RACE 9 - (2140m) Class Silver Autostart**
1 Must du Buisson (Charles Camilleri)
2 Next Haufor (Tony Tanti)
3 Number One Of Max (Noel Baldacchino)
4 Cross Country F.C. (Marco Debono)

**RACE 10 - (2140m) Class Gold Autostart**
1 Bete Saknussen (Marco Refalo)
2 Napolitano Sun (David Ellul)
3 L'Ideal de Fersan (Carl Caruana)
4 Triangel Kall (France Tanti)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 15 ta' Lulju 2011

**RACE 1 - (2140m) Class Copper Autostart**
1 Loulou de la Rose (Michael Ellul)
2 Rocky Briljant (Alex Magro)
3 Luron de la Prade (Charlo Debono)
4 Trick The Lind (Kevin Mifsud)

**RACE 2 - (2140m) Class Copper Autostart**
1 Hulegardens Filur (Mario Falzon)
2 Hotchemin (Warren Spiteri)
3 Orasi Index (Clint Vassallo)
4 Xenia Mic (David Ellul)

**RACE 3 - (2140m) Class Bronze Autostart**
1 Lazume Simoni (Noel Baldacchino)
2 Nereus Galbe (Julian Farrugia)
3 Kheops d'Ariane (Herman McKay)
4 Omega des Arpents (Brian Hili)

**RACE 4 - (2140m) Class Gold Autostart**
1 She's Dreamlike (Julian Farrugia)
2 Notre Allegro (Michael Ghigo)
3 Neptune Williams (Dario Fenech)
4 Natif de Blay (Cliferty Calleja)

**RACE 5 - (2140m) Class Silver Autostart**
1 Noble d'Urzy (Andrew Farrugia)
2 Izor Rick (Eugenio Bondin)
3 Agobra Bingo (Warren Spiteri)
4 Meadow Dancer (Ludvic Ghigo)

**RACE 6 - (2140m) Class Gold Autostart**
1 Magnifique Sablais (J. Farrugia)
2 Bankir Zon (Clint Vassallo)
3 Nomade de Mai (Charles Camilleri)
4 Match de Bannes (N. Baldacchino)

**RACE 7 - (2140m) Class Bronze Autostart**
1 Nimeno (Carl Caruana)
2 Jet (Charles Camilleri)
3 Pretty Post (David Ellul)
4 Purple Street (Redent Magro)

**RACE 8 - (2140m) Class Premier Autostart**
1 Fire (Marco Refalo)
2 Major Chaleonnais (C. Debono)
3 Belafonte (Cliferty Calleja)
4 Mon Daniel (James Carabott)

**RACE 9 - (2140m) Class Bronze Autostart**
1 Dollar As (Salvu Vella)
2 Hickory Crown (Salvatore Cutajar)
3 Dandy (Robert Polidano)
4 Monte Cinto Mag (Benny Briffa)

**RACE 10 - (2140m) Class Silver Autostart**
1 Black Guy (Charlo Debono)
2 Zerbin (Sam Cassar)
3 Baronello (Jason Vassallo)
4 Soren Sufflor (Cliferty Calleja)



Major Chaleonnais - race 7

# SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 22 ta' Lulju 2011

**RACE 1 - (2140m) Class Copper Summer C'ship 2011**
1 Loulou de la Rose (Michael Ellul)
2 Trick The Lind (Kevin Mifsud)
3 Joker du Cornica (Victor Grech)
4 Orasi Index (Clint Vassallo)

**RACE 2 - (2140m) Class Bronze Summer C'Ship Consolation Final 2011**
1 Marchallach (Rodney Gatt)
2 Above Roland (George Attard)
3 Omega des Arpents (Brian Hili)
4 Noel de Corneville (Carl Caruana)

**RACE 3 - (2140m) Class Bronze Summer C'ship 2011**
1 Apple Tooma (Michael Ellul)
2 Belbroughton Road (Rodney Gatt)
3 Loulou Noir (Noel Baldacchino)
4 Nereus Galbe (Julian Farrugia)

**RACE 4 - (2140m) Class Silver Summer C'Ship Consolation Final 2011**
1 Pout de Quelaines (David Galea)
2 Charlie Smitt (Michael Ellul)
3 Black Guy (Charlo Debono)
4 Zerbin (Sam Cassar)

**RACE 5 - (2140m) Class Silver Summer C'ship 2011**
1 Master Lupin (Rodney Gatt)
2 Must du Buisson (Charles Camilleri)
3 Family's Moonlight (James Carabott)
4 Maitre de Bannes (Dario Fenech)

**RACE 6 - (2140m) Class Gold Summer C'ship 2011**
1 Nacarat Campbell (Charles Camilleri)
2 Nomade de Mai (Noel Baldacchino)
3 Kingpin la Marc (Rodney Gatt)
4 Notre Allegro (Michael Ghigo)

**RACE 7 - (2140m) Class Premier Summer C'ship 2011**
1 Major Chaleonnais (Charlo Debono)
2 Fire (Marco Refalo)
3 Belafonte (Cliferty Calleja)
4 Mentor de l'Iton (Brian Hili)

**RACE 8 - (2140m) Class Gold Summer C'Ship Consolation Final 2011**
1 She's Dreamlike (Julian Farrugia)
2 Match de Bannes (Noel Baldacchino)
3 L'Ideal de Fersan (Carl Caruana)
4 Triangel Kall (France Tanti)


Group photo - race 6


Presentation - race 6


Presentation - race 7


Nacarat Campbell - race 6


Group photo - race 7


Presentation - race 5


She's Dreamlike - race 8

## World Snooker Cup

# Malta eliminati fil-Fażi tal-Gruppi

It-tim Malti, kompost minn Tony Drago u Alex Borg, ġie eliminat fil-Fażi tal-Gruppi fil-World Snooker Championship li sar fit-Tajlandja.

It-tim Malti kien akkumpanjat mis-segretarju tal-Malta Billiard & Snooker Association, is-Sur Anton Abela. F'dan il-Kampjonat Mondjali ħadu sehem 19-il pajjiż.

Malta rebħet lit-Tajlandja 3-2 u lil UAE bl-iskor ta' 5-0, filwaqt li tilfet żewġ logħbiet bi skor identiku ta' 2-3 kontra l-Awstralja u ċ-Ċina. B'kollox, il-Maltin rebħu 12-il frame li ġew minn Tony Drago (5), Alex Borg (4) u 3 bħala "doubles". Iċ-Ċiniżi komplew għaddejjin biex rebħu l-Kampjonat Mondjali meta fil-final għelbu lill-Irlanda ta' Fuq 4-2.

Iż-żewġ plejers li rrappreżentaw liċ-Ċina kienu Ding Junhui u Liang Wenbo. It-tim Ċiniż rebaħ ukoll $200,000 filwaqt li t-tim Malti ħa $15,000.


*Ding Junhui u Liang Wenbo*

# San Gwann Boċċi Club - Pool Team Champions
# Clayton Attard - Open Individual Champion

San Gwann Boċċi Club irnexxielhom jirbħu l-Kampjonat Malti tal-Pool għat-tieni darba wara li kienu rebħuh, fl-2005-06.

Dan l-istaġun ħadu sehem 60 klabb fid-diviżjonijiet kollha u 650 plejer. Huma għandhom skwadra ta' plejers li ħafna minnhom jilagħbu fit-timijiet nazzjonali Maltin, kemm tal-kbar kif ukoll taż-żgħar.

Unur ieħor kbir li rebħu din is-sena kien is-Super Cup. Jingħad li San Gwann Boċċi Club diġà beda jakkwista plejers ġodda fosthom lil Thurston Grixti mingħand 147 Snooker Hall tal-Ħamrun u Kevin Mercieca mingħand it-Top Gun.

Grixti kien fit-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena, li din is-sena rebaħ il-Kampjonat tad-Dinja, fi Blackpool, filwaqt li Mercieca lagħab għat-tim nazzjonali Malti tal-Irġiel fil-Kampjonat Mondjali.

Il-Kampjonat Individwali, din is-sena intrebaħ minn Clayton Attard li kien diġà rebħu s-sena li għaddiet u anke fl-istaġun 2007-08.

L-aktar plejer li rebaħ il-Kampjonat Malti kien Mario Vassallo - b'total ta' erba' darbiet. Fil-lista, insibu wkoll lil Mario Cutajar li din is-sena rebaħ l-unur ta' l-Aqwa Plejer Ewropew fil-Kampjonati tat-Timijiet Ewropej, li saru f'Malta, u li kien rebaħ il-Kampjonat Malti fl-2006.

Fil-lemin tidher il-lista kollha ta' min rebaħ il-Kampjonat Individwali Malti tal-Pool mill-ewwel sena li ġie introdott, jiġifieri mill-1990.


*It-tim ta-Boċċi ta' San Gwann - champions tal-Pool*

| | |
|---|---|
| 1990 | John Lombardo |
| 1991 | Brian Grech |
| 1992 | Ivan Rizzo |
| 1993 | Ivan Rizzo |
| 1994 | Brian Grech |
| 1995 | Alfred Attard |
| 1996 | Warren Attard |
| 1997 | Mario Vassallo |
| 1998 | Mario Vassallo |
| 1999 | Kevin Mercieca |
| 2000 | Duncan Bezzina |
| 2001 | Ivan Rizzo |
| 2002 | Mario Vassallo |
| 2003 | Ray Demanuele |
| 2004 | Mario Vassallo |
| 2005 | Antione Cuschieri |
| 2006 | Mario Cutajar |
| 2007 | Stephen Mangion |
| 2008 | Clayton Attard |
| 2009 | Miguel Falzon |
| 2010 | Clayton Attard |
| 2011 | Clayton Attard |



## World U/21 Snooker Championship

# Ma jintbagħat l-ebda plejer Malti



*Thanawat Tiraponpaiboon*

Il-plejer żagħżugħ mit-Tajlandja, Thanawat Tiraponpaiboon, ġie nkurunat bħala ċ-champion mondjali 2011, ta' Taħt il-21 sena. Numru sabiħ ta' 53 plejer minn 23 pajjiż madwar id-dinja ħadu sehem fil-World U/21 Snooker Championship li sar f'Montreal, il-Kanada.

Il-Malta Billiard & Snooker Association ma bagħtet l-ebda plejer żagħżugħ Malti għal dan il-Kampjonat prestiġġjuż. Fl-1988, Jason Peplow kien tilef fil-final filwaqt li s-sena l-oħra Thurston Grixti għadda għall-fażi finali fl-Irlanda.

F'dawn l-aħħar snin kellna plejers żgħażagħ li laħqu l-livell tal-Premier League, f'pajjiżna, kif ukoll huma meqjusa li għandhom livell medju Ewropew u dak dinji, filwaqt li sa ftit tas-snin ilu konna is-sitt l-aktar pajjiż b'saħħtu fl-Ewropa.

Din is-sena, fil-Kampjonat Mondjali kien hemm plejers minn ħafna pajjiżi bħal Kanada, Rumanija, New Zealand u Franza li l-livell tagħhom huwa ferm aktar baxx minn taż-żgħażagħ Maltin u kien hemm ħafna pajjiżi oħra li kellhom plejers ta' l-istess livell tagħna.

## World Pool Team Championships

# It-tim Malti tal-Irġiel eliminat fil-kwarti-finali... in-nisa jispiċċaw fl-aħħar post

It-tim Nazzjonali tal-Pool safa eliminat fil-kwarti-finali tal-Kampjonat Mondjali meta tilef bl-iskor ta' 3-11 kontra l-Awstralia. Fil-Fażi tal-Gruppi, it-tim Malti mar tajjeb ħafna, tant, li rnexxielu jispiċċa fit-tielet post. Malta rebħet lill-istess Awstralja 13-8 u spiċċat biex rebħet ħames logħbiet oħra bl-akbar rebħa tasal kontra Skozja bl-iskor ta' 16-5. L-erba' rebħiet l-oħra waslu kontra Wales, Indja, Franza u l-West Indies bl-iskor identiku ta' 12-9.

L-aqwa plejers fit-tim nazzjonali Malti kienu Chris Tabone, Clint Azzopardi u Johann Attard li lkoll rebħu 17-il frame kull wieħed.

Fl-individwali tal-Irġiel, fil-Kampjonat tad-Dinja kellna żewġ plejers Maltin li rnexxielhom jaslu sal-aħħar 16 minn total ta' 'l fuq minn 200 parteċipant minn madwar id-dinja. Dawn kienu Clayton Attard, li tilef kontra Ben Nunan 3-8 u Maverick Zammit li safa megħlub 1-8 minn Adam Davies. Kemm Attard kif ukoll Zammit rebħu 500 Lira Sterlina kull wieħed talli wasslu sal-aħħar 16. Ir-rebbieħ kellu premju ta' 8,000 Lira Sterlina.

Fl-Individwali tal-Masters kellna lil Clint Azzopardi li wasal mal-aħħar 16 meta tilef kontra Robert Whane 4-8. Azzopardi ngħata premju ta' 350 Lira Sterlina.

Fil-Masters (Kompetizzjoni - Plate) Miguel Falzon wasal sal-finali u kien sfortunat li kellu jitlef kontra Ben Flake 7-8. Fis-semi-finali, Falzon għeleb lill-Ingliż Sam Lancaster 6-2. Duncan Pisani wkoll mar tajjeb meta fil-plate inqala' fl-aħħar 16 minn Simon Fitzmaurice 0-5. Fir-rawnd tal-aħħar 32, Pisani kien għeleb lil Conrad McCann tal-Irlanda ta' Fuq bl-iskor ta' 5-4.

It-tim nazzjonali Malti tan-Nisa, għalkemm spiċċa fl-aħħar post tal-klassifika, wieħed irid jgħid li l-prestazzjoni tat-tfajliet ma kinitx daqshekk ħażina.

Il-manager tat-tim nazzjonali, Lino Lauro, li għandu esperjenza kbira żgur li għen lit-tim tiegħu mhux biss psikoloġikament imma anke bħala dixxiplina li wasslu għal riżultati rispettabbli.

L-unika rebħa waslet kontra Skozja fejn irbaħna 8-7, filwaqt li tlifna xi logħbiet bi skor verament rispettabli bħal ma ġara fit-telfa ta' 7-8 kontra l-Irlanda ta' Fuq, u t-telfa ta' 6-9 kontra l-Awstralja.

Donna Bugeja kienet l-aħjar plejer fit-tim Malti u fost l-aqwa għaxra fl-Ewropa meta rebħet mhux anqas minn 14-il frame.

## L-aħħar aħbarijiet...

### O'Sullivan jirbaħ l-ewwel PTC

Ronnie O'Sullivan rebaħ l-ewwel unur tal-istaġun meta, fl-ewwel tournament mill-PTC, għeleb lil Joe Perry 4-0 fil-final. Il-plejer Malti, Tony Drago, li beda fit-tielet rawnd inqala' mill-ewwel meta tilef 3-4 kontra Adam Wicheard.

F'dan l-ewwel tournament organizzat mill-World Professional Snooker kien hemm ħames plejers li f'dawn l-aħħar snin lagħbu fil-European U/17 Snooker Open, f'pajjiżna.

Dawn kienu Luca Brecel, George Marter, Sam Harvey, Oliver Brown u Jack Nicholson.

### Open tal-Awstralja

Iż-żewġ plejers Maltin/Awstraljani, l-aħwa Steve u James Mifsud, bħala tnejn mill-aqwa plejers fl-Awstralja ingħataw 'wild card' fl-Open tal-Awstralja.

Iżda huma sfaw eliminati meta James Mifsud tilef kontra David Gilbert bl-iksor ta' 1-5 filwaqt li Steve Mifsud tilef bl-iskor ta' 2-5 kontra Dominic Dale.

Dan it-tournament intrebaħ minn Stuart Bingham meta fil-final għeleb lil Mark Williams 9-8 biex ingħata s-somma ta' $60,000.

Tony Drago, li beda fit-tielet round preliminari, inqala' fl-ewwel logħba tiegħu meta tilef 1-5 kontra Scott Mackenzie. L-aħwa Mifsud ħadu s-somma ta' $2,000.

# Jenson Button jirbaħ fil-200 dehra personali






Is-sewwieq Britanniku, Jenson Button (McLaren), rebaħ il-Grand Prix tal-Ungerija proprju fil-200 dehra personali f'tiġrija li kienet mimlija emozzjonijiet minħabba x-xita li niżlet bil-konsegwenza li saru bosta pit-stops biex jinbidlu t-tyres skond l-esiġenzi tat-temp.

Kollox kien qed jindika li l-Britanniku, Lewis Hamilton (McLaren), kien se jirbaħ din it-tiġrija, li iżda, spiċċa fir-raba' post wara għażla ħażina fit-tyres kif ukoll kellu penalità wara li tilef il-kontroll tal-karozza.

Min-naħa taċ-champion renjanti u l-leader tal-klassifika, il-Ġermaniż Sebatian Vettel (RedBull) spiċċa fit-tieni post u għaldaqstant kompla kabbar il-vantaġġ tal-klassifika biex jinsab f'pożizzjoni tajba li jirbaħ il-Kampjonat tal-Formula Wieħed



*Jenson Button jiċċelebra s-suċċess tiegħu fl-Ungerija*



*Il-karozza ta' Nick Heidfeld tieħu n-nar fil-Grand Prix tal-Ungerija*



*It-tekniċi tal-McLaren waqt il-ħidma fil-pit*



*Fernando Alonso*

## Riżultati tal-GP tal-Ungerija
## 31.07.2011 - Budapest

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Jenson Button (Britannja) McLaren | 1:46:42.337 |
| 2. | Sebastian Vettel (Ġemranja) Red Bull | +00:03.588 |
| 3. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 00:19.819 |
| 4. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 00:48.338 |
| 5. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 00:49.742 |
| 6. | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 01:23.176 |
| 7. | Paul di Resta (Britannja) Force India | 1 lap |
| 8. | Sebastien Buemi (Svizzera) Toro Rosso | 1 lap |
| 9. | Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 1 lap |
| 10. | Jaime Alguersuari (Spanja) Toro Rosso | 1 lap |
| 11. | Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 1 lap |
| 12. | Vitaly Petrov (Russja) Renault | 1 lap |
| 13. | Rubens Barrichello (Brażil) Williams | 2 laps |
| 14. | Adrian Sutil (Ġermanja) Force India | 2 laps |
| 15. | Sergio Perez (Messiku) Sauber | 2 laps |
| 16. | Pastor Maldonado (Venezwela) Williams | 2 laps |
| 17. | Timo Glock (Ġermanja) Virgin | 4 laps |
| 18. | Daniel Ricciardo (Awstralja) HRT | 4 laps |
| 19. | Jerome d'Ambrosio (Belġju) Virgin | 5 laps |
| 20. | Vitantonio Liuzzi (Italja) HRT | 5 laps |

**Irtiraw**

| | |
|---|---|
| Heikki Kovalainen (Finlandja) Lotus | 15 laps |
| Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 44 laps |
| Nick Heidfeld (Ġermanja) Renault | 47 laps |
| Jarno Trulli (Italja) Lotus | 53 laps |

## Klassifika

**Sewwieqa**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 234 |
| 2. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 149 |
| 3. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 146 |
| 4. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 145 |
| 5. | Jenson Button (Britannja) McLaren | 134 |
| 6. | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 70 |
| 7. | Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 48 |
| 8. | Nick Heidfeld (Ġermanja) Renault | 34 |
| 9. | Vitaly Petrov (Russja) Renault | 32 |
| 10. | Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 32 |
| 11. | Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 27 |
| 12. | Adrian Sutil (Ġermanja) Force India | 18 |
| 13. | Sebastien Buemi (Svizzera) Toro Rosso | 12 |
| 14. | Jaime Alguersuari (Spanja) Toro Rosso | 10 |
| 15. | Sergio Perez (Messiku) Sauber | 8 |
| 16. | Paul di Resta (Britannja) Force India | 8 |
| | Rubens Barrichello (Brażil) Williams | 4 |

**Kostrutturi**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Red Bull-Renault | 383 |
| 2. | McLaren-Mercedes | 280 |
| 3. | Ferrari | 215 |
| 4. | Mercedes | 80 |
| 5. | Renault | 66 |
| 6. | Sauber-Ferrari | 35 |
| 7. | Force India-Mercedes | 26 |
| 8. | Toro Rosso-Ferrari | 22 |
| 9. | Williams-Cosworth | 4 |




Casey Stoner jillidja lil Andrea Dovizioso

# L-Awstraljan Casey Stoner ikompli jkabbar il-vantaġġ b'żewġ rebħiet konsekuttivi



Casey Stoner jgħolli t-trofew wara li rebaħ f'Brno



Casey Stoner jiċċelebra s-suċċess f'Laguna Seca

## Riżultati tal-GP tal-Istati Uniti..
## 25.07.2011 - Laguna Seca

| | |
|---|---|
| 1. Casey Stoner (Awstralja) Honda | 43:52.145 |
| 2. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 43:57.779 |
| 3. Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 44:01.612 |
| 4. Ben Spies (Stati Uniti) Yamaha | 44:12.707 |
| 5. Andrea Dovizioso (Italja) Honda | 44:13.030 |
| 6. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 44:22.496 |
| 7. Nicky Hayden (Stati Uniti) Ducati | 44:23.176 |
| 8. Colin Edwards (Stati Uniti) Yamaha | 44:37.647 |
| 9. Hector Barbera (Spanja) Ducati | 44:43.694 |
| 10. Hiroshi Aoyama (Ġappun) Honda | 45:00.995 |
| 11. Karel Abraham (Rep Ċeka) Ducati | 45:01.277 |
| 12. Loris Capirossi (Italja) Ducati | 31 Laps |
| 13. Toni Elias (Spanja) Honda | 31 Laps |

## Klassifika

| Sewwieqa | |
|---|---|
| 1. Casey Stoner (Awstralja) Honda | 218 |
| 2. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 186 |
| 3. Andrea Dovizioso (Italja) Honda | 163 |
| 4. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 118 |
| 5. Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 110 |
| 6. Ben Spies (U.S.) Yamaha | 109 |
| 7. Nicky Hayden (U.S.) Ducati | 103 |
| 8. Marco Simoncelli (Italja) Honda | 76 |
| 9. Colin Edwards (U.S.) Yamaha | 75 |
| 10. Hiroshi Aoyama (Ġappun) Honda | 70 |
| 11. Hector Barbera (Spanja) Ducati | 62 |
| 12. Karel Abraham (Repubblika Ċeka) Ducati | 46 |
| 13. Toni Elias (Spanja) Honda | 43 |
| 14. Alvaro Bautista (Spanja) Suzuki | 39 |
| 15. Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 34 |

## Riżultati tal-GP tar-Repubblika
## 14.08.2011 - Brno

| | |
|---|---|
| 1. Casey Stoner (Awstralja) Honda | 43:16.796 |
| 2. Andrea Dovizioso (Italja) Honda | 43:23.328 |
| 3. Marco Simoncelli (Italja) Honda | 43:24.588 |
| 4. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 43:25.309 |
| 5. Ben Spies (U.S.) Yamaha | 43:26.982 |
| 6. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 43:29.428 |
| 7. Nicky Hayden (U.S.) Ducati | 43:39.833 |
| 8. Colin Edwards (U.S.) Yamaha | 43:40.985 |
| 9. Hiroshi Aoyama (Ġappun) Honda | 43:41.998 |
| 10. Hector Barbera (Spanja) Ducat | 43:53.362 |
| 11. Toni Elias (Spanja) Honda | 43:53.475 |
| 12. Randy de Puniet (Franza) Ducati | 43:53.905 |
| 13. Loris Capirossi (Italja) Ducati | 44:05.707 |



Marco Simoncelli, Andrea Dovizioso, Jorge Lorenzo

# Kampjonat 1954-55

# Irtira l-allegazzjoni li saret fil-konfront ta' Pullu Demanuele

**Is Seba' Ġurnata**

**16-01-1955:**
**Hibernians FC – St.George's FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Skorja: F. Church (H) 89'.**
**Referee: Carmel L. Bugeja**
**Linesmen: C. D. Lusted u Salvu Pirotta.**

*Hibernians FC*: Reggie Pisani, Colin Tabone, Joe Grixti, Piju Frendo Cumbo, Victor Formosa, Sunny Anastasi, John Coreschi, Henry Vella, Leli Spiteri, Fredu Church, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

*St. George's FC*: George Borg, Johnnie Wilson, Willie Xerri, Peppi Delceppo, Żużu Rizzo, Edward Azzopardi, Oscar Bartolo, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Salvu 'Scotch' Scicluna, Joe Mizzi.

**22-01-1955:**
**Rabat FC – Birkirkara FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Skorjaw: C. Zahra (R) pen. 49' u C. Azzopardi (R) 65'**
**Referee: Leli Spiteri**
**Linesmen: Salvu Pirotta u E. V. Norton Jones.**

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Charlie 'Il-Kis' Zahra, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, George Dalli, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Paddy Sloan, Tony Caruana, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Ernest Chappelle, Charlie Theuma.

*Birkirkara FC:* William Templeman, Joe Agius, Lewis Caruana, Alfred Crockford, Fredu Preca, Norman Bell, Leli 'Il-Likku' Saliba, Bertie Agius, Frans Theuma, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Bob Bonavia.

1. Rabat FC kisbu l-ewwel rebħa tal-istaġun.

**22-01-1955:**
**Sliema Wdrs. FC – Floriana FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Skorja: N. Calleja (S) 85' u 90'.**
**Referee: Fredrick G. Hawker**
**Linesmen: Michael Sciberras u Joe Cassar Naudi.**

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Salvu Bonnici, Karm Borg, Ninu Calleja, Sammy Nicholl, Joe 'Jockey' Xuereb, Guy Coulet, Salvinu Schembri.

*Floriana FC*: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Lolly Debattista, Ċensu Fenech, Karmenu Xerri, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Tony Vella, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Benny Camilleri, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Tony Nicholl kien nieqes għal Sliema Wanderers wara li kien ġibed muskolu waqt il-partita tat-Tourney tal-Milied mal-MFA XI kontra Vojvodina (0-5) tas-6 ta' Jannar 1955.

2. Wara 11-il minuta kemm Karmenu Scerri ta' Floriana kif ukoll Sammy Nicholl ta' Sliema Wanderers kellhom joħorġu mill-ground wara li għolew għall-ballun u ħabtu ras ma' ras. Huma daħlu lura fil-partita wara kwarta jiddewwew.

3. Din il-partita mistennija, suppost li kellha tintlagħab fil-15 ta' Jannar, 1955, iżda kellha titħassar minħabba li ż-żewġ timijiet kellhom diversi plejers fi Sqallija mal-MFA XI għall-partita ta' ħbiberija li Malta lagħbet kontra Catania. Peress li l-partita issa ntlagħbet fl-istess ġurnata tal-konfront, Rabat FC kontra Birkirkara FC, qam diżgwid bejn il-klabbs meta Rabat u Birkirkara riedu jaqsmu ndaqs ma' Sliema u Floriana is-sehem tal-gate money. Il-clubs il-kbar irrifjutaw li jaqsmu u l-MFA iddeċidiet li Rabat u Birkirkara jieħdu 25% mill-gate money minflok is-soliti 50% kif ukoll jingħataw £10 kull wieħed mingħand Sliema u Floriana.

4. B'konnessjoni ma' din il-partita il-plejer Pullu Demanuele fetaħ kawża fil-Qrati ta' Malta kontra Joseph Bezzina mill-Ħamrun wara li dan tal-aħħar kien informa lill-kumitat ta' Floriana FC li Demanuele kien irċieva £60 mingħand persuna mlaqqam Fażolu. Fl-ewwel seduta fil-5 ta' Frar 1955 quddiem il-Maġistrat Dr. G.A Camilleri LL.D, f'Awla mballata b'partitarji Furjaniżi Joseph Bezzina irtira l-allegazzjoni li kien għamel fuq il-plejer Demanuele u qal li ma kellu l-ebda prova ta' dak li kien qal imma kien biss irrepeta dak li kien sema'. L-Avukat Vincent Xerri kien deher għal Pullu Demanuele. Sadanittant Demanuele, flimkien mall-



*Pullu Demanuele fl-azzjoni għal Floriana*




*Salvu Bonnici fl-azzjoni għal Sliema Wanderers*

plejer Tony Vella, ma reġax lagħab ma' Floriana fit-tliet xhur ta' wara.

**23-01-1955:**
**Ħamrun Sp. FC – Valletta FC 1-1**
**H.T 1-1**
**Skurjaw: J. Dimech (Ħ) 5' u o.g F. Damato (V) 8'.**
**Referee: B.S.M Joseph Galea (R.M.A)**
**Linesmen: Carmel L. Bugeja u Walter (Watty) Gatt.**

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Frans Damato, Salvu Azzopardi, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, Joe 'Ir-Rumba' Dimech, Victor Grima, Gejtu 'Il-ĦaĊĊa' Psaila, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Romeo Psaila.

*Valletta FC*: Mike 'Moro' Cutajar, Ken Everest, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Leli Borg Bonaci, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Żeppi Micallef, Carmelo Gatt, Leli 'Il-Pesa' Pace, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

1. Ma' Valletta FC irritorna Joe Grech 'It-Tichy' wara nuqqas ta' disa' xhur. Huwa kien lagħab l-aħħar ma' Valletta fit-telfa ta' 5-1 kontra Sliema Wdrs tal-11 ta' April, 1954. Ir-ritorn tiegħu fit-tim Belti kien fid-dubju meta l-plejer weġġa' fi Sqallija kontra Catania fejn kien ġie magħżul biex jilgħab mal-MFA XI qabel ma kien irritorna ma' Valletta fil-kampjonat.

**Klassifika:** Floriana FC u Sliema Wdrs. FC 12-il pt.; Ħamrun Sp. FC 10 pti.; Valletta FC 8 pti.; Birkirkara FC , Hibernians FC u Rabat FC 4 pti.; St.George's FC 2 pti.

**L-Aqwa Skorers:** L. Borg (Floriana FC) 8 goals; S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 7 goals; G. Psaila (Ħamrun Sp. FC) 6 goals; T. Cauchi (Floriana FC) u J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) 5 goals u P. Zammit (Valletta FC) 4 goals.

## It-Tmien Ġurnata

**29-01-1955:**
**Rabat FC – Sliema Wdrs. FC 2-1**
**H.T 2-1**
**Skurjaw: C. Azzopardi (R) 2', J. Azzopardi (R) 15' u N. Calleja (S) 25'.**
**Referee: Fredrick G. Hawker**
**Linesmen: Emmanuel Spiteri u Michael Sciberras.**

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Charlie 'Il-Kis' Zahra, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, George Dalli, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Paddy Sloan, Tony Caruana, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Ernest Chappelle, Charlie Theuma.

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Salvu Bonnici, Karm Borg, Ninu Calleja, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Guy Coulet, Sammy Nicholl.

**30-01-1955:**
**Ħamrun Sp. FC – St.George's FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Skorja: o.g F. Falzon (Ħ) 54'.**
**Referee: Carmel L. Bugeja**
**Linesmen: B.S.M Joseph Galea u Salvu Pirotta**

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Frans Damato, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Armando Drago, Franġisku Formosa, Victor Grima, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Romeo Psaila.

*St. George's. FC*: George Borg, Johnnie Wilson, Willie Xerri, Freddie Falzon, Żużu Rizzo, Peppi Delceppo, Gatt, Twanny Mallia, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Salvu 'Scotch' Scicluna, Edward Azzopardi.

1. Ħamrun lagħbu kważi l-partita kollha b'għaxar plejers meta wara tmien minuti l-plejer tagħhom Victor Grima ttieħed l-isptar wara li kiser saqajh tal-lemin minn żewġ postijiet. Huwa tilef il-kumplament tal-kampjonat.

2. Il-plejers Johnnie Borg u Gejtu Psaila ta' Ħamrun informaw lill-kumitat li huma kienu ġew avviċinati biex ibiegħu din il-partita. Ħamrun kienu rraportaw il-każ lill-Pulizija.

3. Freddie Falzon li kkommetta l-awtogowl li ddeċieda l-partita kien qed jilgħab l-ewwel partita tiegħu mat-team Bormliż.

**05-02-1955:**
**Floriana FC – Birkirkara FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Skorja: T. Cauchi (B) 73'.**
**Referee: Michael Sciberras**
**Linesmen: Emmanuel Spiteri u Carmel L. Bugeja.**

*Floriana FC*: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Lolly Debattista, Leli Zammit, Karmenu Xerri, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Ġużi Bennetti, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Benny Camilleri, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Joe Agius, Tony Pandolfino, Lewis Caruana, Fredu Preca, Norman Bell, Leli 'Il-Likku' Saliba, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Bertie Agius, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

1. Fl-ewwel taqsima ż-żewġ naħat fallew penalti kull wieħed. Fit-12-il minuta kien Tony Cauchi li laqat il-lasta mill-ħdax-il metru u fit-18-il minuta kien Leli Borg 'Id-Diju' li ra x-xutt tiegħu jiġi salvat mill-goalkeeper Furjaniż Bertu Zarb Cousin.

**06-02-1955:**
**Hibernians FC – Valletta FC 2-1**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: F. Church (H) 20', L. Spiteri (H) 28' u L. Borg Bonaci (V) 52'.**
**Referee: B.S.M Joseph Galea (R.M.A)**
**Linesmen: Frederick G. Hawker u Walter (Watty) Gatt.**

*Hibernians FC*: Reggie Pisani, Colin Tabone, Joe Grixti, Sunny Anastasi, Victor Formosa, Joe 'Il-Felli' Ciantar, John Coreschi, Henry Vella, Leli Spiteri, Fredu Church, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

*Valletta FC*: Mike 'Moro' Cutajar, Ken Everest, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Leli Borg Bonaci, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Żeppi Micallef, Josie Urpani, Carmelo Gatt, Jimmy Casha, Leli 'Il-Pesa' Pace.

**Klassifika:** Floriana FC 14-il pt.; Ħamrun Sp. FC u Sliema Wdrs. FC 12-il pt.; Valletta FC 8 pti.; Rabat FC u Hibernians FC 6 pti.; Birkirkara FC 4 pti. u St. George's FC 2 pti.

**L-Aqwa Skorers:** L. Borg (Floriana FC) 8 goals; S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 7 goals; G. Psaila (Ħamrun Sp. FC) u T. Cauchi (Floriana FC) 6 goals; J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) 5 goals.

## Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# It-Tiġrija tal-Vitorja (1980-1989) ... Id-Disa' Parti

Fir-rapporti sportivi li ġew ippubblikati fil-gazzetti l-għada tar-Regatta, din it-tiġrija ġiet deskritta bħala eċċitanti ħafna fejn il-ġlieda għar-rebħ tal-palju tagħha żvolġiet fi dwell kontinwu matul il-korsa bejn l-ekwipaġġi ta' Bormla u l-Birgu. Żewġ siltiet minn artikli differenti jkellmuna dwar l-andament ta' din it-tiġrija. L-ewwel silta tgħidilna hekk: *'... l-ekwipaġġ tal-Birgu mill-ewwel ħa vantaġġ fuq id-dgħajjes l-oħra u baqa' f'din il-pożizzjoni għall-aktar minn nofs il-korsa, b'waħda mid-dgħajjes ta' Bormla qrib tagħhom. Fl-aħħar kwart tal-korsa, id-dgħajsa ta' Bormla bdiet iżżid fil-mixi, leħqithom u b'qadfa ħafifa qabżet fuq quddiem u ż-żewġ dgħajjes baqgħu hekk sa tmiem it-tiġrija...'*

It-tieni silta tkellimna dwar l-aħħar fażi ta' din it-tiġrija: *'... il-korsa ta' bi Tnejn kienet l-ewwel waħda li fiha rajna joħorġu rebbieħa l-istess qaddiefa tas-sena l-oħra, preċiżament l-aħwa Ċikku u Mario Azzopardi. Dawn iż-żewġ qaddiefa aħwa kellhom sfida iebsa mill-Birgu, iżda spiċċaw l-ewwel fost 11-il dgħajsa f'ħin ta' 5 minuti u 34 sekonda wara li lejn it-tmiem qabżu sewwa fuq quddiem. Il-qaddiefa tal-Birgu dehru li ħlew l-aħjar tagħhom lejn it-tmiem, wara li kienu jillidjaw għal fażi twila mit-tiġrija u d-dgħajsa daħħalha dak ta' bilwieqfa. Il-Marsa ġabru l-ewwel punti meta pplejsjaw it-tielet...'*

Fl-1981, dan il-palju ntrebaħ mill-Birgu bil-koppja Stephen Mangion u Joseph Cachia. Sa minn qabel ma bdiet din it-tiġrija, kulħadd beda jbassar li l-palju tagħha seta' jintrebaħ mit-tliet distretti tal-Kottonera ( Bormla, Birgu, Isla) jew mill-Kalkara li matul l-aħħar provi fil-kanal dehru li kienu ta' livell wieħed. Peress li l-erba' dgħajjes irreġistraw ħinijiet tajba waqt dawn il-provi, il-partitarji tagħhom kienu fuq ix-xwiek biex jaraw liema ekwipaġġ kien se jirbaħ din il-korsa prestiġġjuża.

Silta qasira ħafna tgħidilna kif żvolġiet din it-tiġrija: *'... it-tiġrija ta' bi Tnejn ipproduċiet taqtiegħa oħra interessanti bejn il-Birgu u Bormla, fejn tal-ewwel, mal-ħruġ marru fuq quddiem segwiti minn Marsamxett/Valletta, l-Isla u Bormla, iżda aktar ma għadda l-ħin, il-Bormliżi żiedu fir-ritmu biex spiċċaw it-tieni wara l-Birgu bit-tielet post jiġi akkwistat mill-Isla...'*

Fl-1982, dan il-palju ntrebaħ minn Marsamxett/Valletta bil-koppja Frankie Grima u Mario Azzopardi. Din it-tiġrija kienet sabiħa wisq u kkumbattuta sa l-aħħar qadfa. Fil-fatt, din is-silta qasira tagħtina l-informazzjoni kollha dwar l-andament din il-korsa: *'...fuq in-naħa ta' barra d-dgħajsa tal-Birgu fetħet tajjeb, iżda kif appena feġġħet dik Bormliża quddiemhom daħlu fuq xulxin, id-dgħajsa ta' Marsamxett iggwadanjat u ppuntat fuq quddiem. It-tieni dgħajsa ta' Bormla u dik tal-Isla komplew l-isfida sa taħt il-Boathouse. Marsa waqfet fis-seba' lane. Fit-tielet lane, Frankie Grima u Mario Azzopardi komplew bir-ritmu veloċi bil-Bormliżi nofs dgħajsa warajhom. Il-Bormliżi żiedu waqt li dik Beltija ċediet ħarira, iżda xorta waħda rnexxielhom iżommu vantaġġ u daħlu fl-ewwel post...'*

Fl-1983, dan il-palju għadda mill-ġdid għand id-distrett ta' Bormla bil-koppja Gino Cassar u George Pulis. Silta qasira meħuda minn rapport sportiv tkellimna dwar l-aħħar fażi ta' din it-tiġrija:

*'... Marsamxett/Valletta - ir-rebbieħa tassena li għaddiet inqatgħu kmieni mill-opri ta' Bormla u l-Birgu li t-tnejn li huma qadfu bi klassi kbira. Daħlu ras imb'ras flimkien! Kien diffiċli ħafna li tiġġudika min daħal l-ewwel mal-ispettaturi. Mill-ġdid kellu jkun l-photo finish li kkonferma r-rebbieħ. Rebħu Bormla! Id-dgħajjes tal-Birgu spiċċaw fit-tieni u fit-tielet post ...'*

F'din it-tiġrija waħda mid-dgħajjes ta' l-Isla ġiet skwalifikata.

Fl-1984, dan il-palju reġa' ntrebaħ mid-distrett ta' Bormla bil-koppja Ġino Cassar u George Pulis bid-dgħajsa *Moira*. Silta kemmxejn twila tkellimna dwar l-iżvolġiment ta' din it-tiġrija akkanita li żammet lil kulħadd eċċitat mill-bidu sat-tmiem tagħha:

*'... mhux soltu li ssib lill-Birgu fuq quddiem b'żewġ paljijiet tal-ewwel. Intant, għat-tielet tiġrija dik tal-Pass b'żewġt Imqadef kellna dewmien ta' kważi għoxrin minuta biex mal-5.25 p.m. bdiet it-tielet tiġrija, bi 12-il dgħajsa jipparteċipaw fiha. Il-ftuħ kien qawwi bil-Marsa u Bormla minnaħa ta' Kordin, biex f'nofs il-korsa , wara ftuħ tajjeb il-Kalkara waqgħu lura. Iż-żewġ dgħajjes tal-Birgu żammew il-pass! Waqt li t-tieni dgħajsa ta' Bormla dehret fi dwell dirett mal-Isla kompliet dieħla, fuq in-naħa l-oħra dehret taqtiegħa ħarxa oħra bejn Bormla u Marsamxett/Valletta. Sadanittant id-dwell bejn l-Isla u Bormla kompla bil-Birgu bħala outsider. Tħabbar ir-riżultat. Bormla ġiet l-ewwel fil-ħin tajjeb ta' 5 minuti u 51.6 sekondi biex għal darba'oħra l-klassifika ħadet xejra oħra. Litteralment, edizzjoni stupenda tar-Regatta! Warajhom spiċċat Marsamxett/Valletta segwita minn dik tal-Birgu...'*

Silta oħra tkompli tgħidilha hekk:

*'... f'din it-tiġrija Bormla dawru kollox favur tagħhom u kisbu żewġ punti vantaġġ fuq il-Birgu meta daħlu fl-ewwel post, filwaqt li l-avversarji ħadu biss is-sitt punti tat-tielet post. Fit-tieni post daħlu Marsamxett/Valletta, l-uniċi punti li ħadu tul il-programm ...'*

Fl-1985, dan il-palju ntrebaħ mid-dgħajsa tal-Birgu bil-koppja John Elseworth u Joseph Cachia. Tiġrija eċċitanti li żammet lil kulħadd fuq ix-xwiek minħabba r-rivalità kbira li kienet teżisti bejn il-protagonisti ta' din it-tiġrija – Bormla u l-Birgu. Kienet tiġrija ddominata mill-Birgu kif fil-fatt tgħidilna din is-silta:

*'... żewġ dgħajjes tal-Birgu qabżu fuq*



*Dwell finali bejn l-ekwipaġġi tad-dgħajjes tal-Midalji tal-Birgu u tal-Isla fl-aħħar fażi tat-tiġrija, fl-1981*

minn Joseph Serracino





*Id-dgħajsa tal-Midalji tal-Birgu tidher dieħla fl-ewwel post quddiem id-dgħajjes tal-Isla u Bormla, fl-1981*

*quddiem mill-bidunett sabiex bl-opri ta' Bormla u Marsamxett/Valletta jidħlu f'linja waħda sa tliet kwarti tal-korsa. Kienu l-ekwipaġġi tad-dgħajjes tal-Birgu li fl-aħħar ftit metri tal-korsa taw spissjatura biex jipplejsjaw fl-ewwel u fit-tielet post, bl-ekwipaġġ Bormliż jikkuntenta fit-tieni post...'*

Fl-1986, dan il-palju reġa' għadda għand id-distrett ta' Bormla bil-ħila tal-koppja Ġino Casar u George Pulis li ġerrew bid-dgħajsa 'Moira' Bħal dejjem, minħabba l-pika kbira li teżisti fost il-qaddiefa tad-distretti rivali, din it-tiġrija kienet eċċitanti ħafna kif se naqraw f'din is-silta:

*'... id-dgħajsa 'Jane' ta' Marsamxett/Valletta kellha ħruġ tajjeb segwita miż-żewġ dgħajjes Bormliżi 'Moira' u 'Santa Margerita'. Warajhom eżatt kien hemm id-dgħajsa tal-Isla 'Belt ta' l-Isla' u l-'10 ta' Awwissu' tal-Birgu. Sa kważi tmiem il-korsa, id-dgħajjes litteralment baqgħu fl-istess pożizzjoni, b'dawk ta' Bormla dejjem fuq quddiem. Baqgħu hekk kważi sad-dħul, meta l-ekwipaġġ ta' waħda mid-dgħajjes ta' Bormla deher jagħti spissjatura u daħal fl-ewwel post, bit-tieni dgħajsa Bormliża fit-tieni u dik ta' l-Isla tidħol fit-tielet post... '*

Fl-1987, dan il-palju ntrebaħ mill-Isla bil-koppja John Elseworth u Joseph Cachia bid-dgħajsa '4 ta' Settembru' Kienet tiġrija fejn il-ġlieda kienet missielta fost tliet dgħajjes rivali kif se naqraw f'din is-silta:

*'... din it-tiġrija kienet iddominata minn tliet dgħajjes li ħadu l-ewwel tliet postijiet. Sa mill-bidunett iż-żewġ dgħajjes ta' Bormla ħarġu fuq quddiem sfidati minn waħda tal-Isla. L-ekwipaġġ ta' l-Isla għamel sforz kbir fl-aħħar 100 metru u ħareġ rebbieħ. Bormla kisbu it-tieni u t-tielet post rispettivament...'*

Silta oħra tagħtina ħjiel ta' l-entużjażmu u l-briju li ħakem il-kanal matul din it-tiġrija:

*'...wara ftuħ qawwi mid-dgħajsa ta' Bormla fil-11-il lane, fost entużjażmu li jtarrax mill-Ponta tal-Isla ħarġet b'saħħitha d-dgħajsa tal-Isla (4 ta' Settembru). Fuq innaħa ta' Kordin id-dgħajsa ta' Bormla qabdet dieħla. Id-dgħajjes tad-distretti l-oħra nqatgħu lura bir-riżultat li għal darb'oħra b'differenza ta' pulzieri rebħu l-Isla f'ħin ta' 6 minuti u 3 sekondi qabel iż-żewġ dgħajjes Bormliżi 'Santa Margerita' u 'Moira'...'*

Fl-1988, dan il-palju ntrebaħ minn Bormla bil-koppja Ġino Cassar u Mario Azzopardi li ġerrew bid-dgħajsa ' Santa Margerita' F'din it-tiġrija ħadu sehem 12-il dgħajsa u kienet missielta ħafna kif fil-fatt tgħidilna din is-silta:

*'... b'distakk ta' erba' punti biss jifred lid-distretti tal-Marsa u ta' Bormla, it-tielet tiġrija dik tad-dgħajjes tal-Pass, b'żewġt Imqadef kienet mistennija b'ansjetà u eċċitament mill-partitarji taż-żewġ distretti. Iżda f'din it-tiġrija, Bormla wrew il-forma kbira li kienu jinsabu fiha meta rnexxielhom jiddominawha u jispiċċaw fl-ewwel post biex fetħu distakk ta' 18-il punt fuq l-eqreb rivali tagħhom, Marsa, li spiċċaw fit-tielet post. Fit-tieni post daħlet id-dgħajsa 'Jane' ta' Marsamxett/Valletta...'*

Fl-1989, dan il-palju reġa' ntrebaħ mid-distrett ta' Bormla bil-ħila u d-determinazzjoni tal-qaddiefa Ġino Cassar u Mario Azzopardi. Silta qasira tgħidilna li l-protagonisti ta' din it-tiġrija kienu l-ekwipaġġi tad-dgħajjes tat-tlitt ibliet tal-Kottonera: *'... it-tiġrija ta' bi Tnejn rat lil Bormla jirbħu l-ewwel palju ta' l-ewwel biex żammew l-unuri li kienu rebħu s-sena l-oħra. Huma ħadu vantaġġ kmieni għalkemm fl-aħħar ġew stakkati mid-dgħajsa tal-Birgu li daħlet fit-tieni post. L-Isla daħlu t-tielet biex b'hekk ippjazzaw fl-ewwel tliet tiġrijiet...'*

*ikompli f'ħarġa oħra*




*Il-Frejgatina tal-Marsa tidher dieħla fl-ewwel post quddiem l-Isla fl-1987*

ISLA | MARSA | MARSAMXETT | BORMLA | BIRGU | KALKARA | BIRŻEBUĠĠA

The

# EUROPEAN WEEK FOR WASTE REDUCTION

Between 19th and 27th November




Suggest how you can contribute to reduce waste, your carbon footprint on the environment, and save resources by participating during this week.

***We look forward to hearing from you!***

Visit **www.wasteservmalta.com**
or call **80072200** for more information.

EUROPEAN WEEK FOR WASTE REDUCTION

Life

WasteServ

# Exercise and Type 2 Diabetes

by Dr. Kirill Micallef Stafrace

Sports and Exercise Medicine Consultant and Senior Lecturer in Sports Science



Diabetes is the most common endocrine(hormonal) disorder and is the result of the body's inability to regulate blood glucose(sugar). By far the most common form is Type 2( approx. 90%) which is caused by a combination of reduced insulin( type of hormone) production by the pancreas organ and a reduction in the sensitivity of cells to insulin itself. This will result in poor glucose absorption by the cells of the body with a resultant increase in blood glucose levels. Type 1 diabetics ( approx. 10 %) just do not produce insulin from the pancreas while in gestational diabetes ,that occurs during pregnancy, there is around a 50% chance that this can develop into type 2 in the subsequent 10 years.

Regular exercise has always been considered an integral part of the management of Type 2 diabetes and the information pertaining to this aspect has been recently reviewed by the American Diabetes Association and the American College of Sports Medicine. In fact, they consider physical activity as a crucial component. Their new guidelines are an update on those presented in 2000 and were developed by 9 multidisciplinary experts, and published concurrently in the December 2010 issue of the journals, Diabetes Care and Medicine & Science in Sports & Exercise.

Although previously not many studies conclusively supported the importance of exercise, recent developments have clearly indicated that " participation in regular physical activity improves blood glucose control and can prevent or delay Type 2 diabetes mellitus, along with positively affecting lipids, blood pressure, cardiovascular events, mortality, and quality of life."

The new guidelines emphasize that exercise has to be undertaken regularly if we are to reap the desired health benefits. In fact, the panel of experts suggest that a minimum of 150 minutes per week of aerobic ( cardiovascular) exercise should be the target for individuals suffering from Type 2. This corresponds to 40-60% of your maximal effort and for many diabetics this can be achieved by a brisk walk.

However, notwithstanding these repeated messages, a large number of diabetics do not exercise on a regular basis. This in part might be due to us health professionals as although we pass the information across to our patients , we do not emphasise the message and might not guide them on how to implement an exercise-full lifestyle. Another failing is that often, the worries and queries that a diabetic might have with regards to exercise, might not be adequately addressed.

So where does this leave us? It is obvious that the management of type 2 diabetes must involve a multi-pronged approach that necessitates the recruitment of a number of different professions. We need the endocrinology ( diabetes doctor), the nutritionist, the sports medicine medic, and the exercise professional to work hand in hand to formulate the correct prescription for our diabetic. Other professionals, such as physiotherapists, occupational therapists ,podologists, foot care and wound specialists, might need to be involved to tackle specific aspects.

There is no easy solution to the management of type 2 diabetes. Lifestyle changes and appropriate medical care will ensure that the diabetic patient will live as normal a life as possible. After all, quite a number of top athletes have diabetes and these have learnt to manage their condition without allowing the condition to interfere with their sport. I cannot see why the non athletic diabetic cannot go at this the other way round, i.e. utilising exercise to better their lifestyle and disease management.

*Dr Kirill Micallef Stafrace is a Sports and Exercise Medicine Consultant and a Senior Lecturer in Sports Science.*
kmicallefstafrace@gmail.com



EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' AC Milan

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Settembru, 2011.

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' AC Milan ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 52

**Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 52 hija:**

**Stephanie Debono - Mosta**





IRBAĦ €150 VOUCHER MA'

TeamSporT

# SPORTIV Tisliba

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Settembru, 2011

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem ____________

Indirizz ____________

Email ____________

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 52

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | I | D | D | A | | M | O | O | R | E | | | F |
| U | | E | | D | | O | | M | | S | A | V | E |
| R | E | S | T | A | L | L | | A | | T | | | I |
| N | | I | | M | | N | A | R | C | U | S | | L |
| I | | R | | S | P | A | | | A | | T | | I |
| B | O | A | S | | H | R | U | B | S | A | | F | |
| O | | | A | C | E | | | | S | | U | R | S |
| | M | A | R | | L | A | M | P | A | R | D | | E |
| T | | G | A | S | P | | E | | R | | | | R |
| S | A | | H | E | S | K | E | Y | | B | E | Y | E |
| O | | C | | R | | | T | E | R | R | Y | | N |
| N | Y | E | | K | I | W | I | S | | E | | K | I |
| G | | R | | I | | | N | | E | N | D | U | |
| A | | M | A | N | | A | G | E | N | T | | N | Y |

Ir-rebbieħ tal-Ħarġa Nru. 52 ta' Lulju 2011 hija: Marielle Cachia - Siggiewi

### MIMDUDIN

1) Mohamed bin ......, sospiż għal-għomru mill-FIFA (6)
4) Adrian, direttur tar-Refereeing fl-MFA (5)
8) u 13) Gilford, l-eks sprinter Malti (6)
10) Il-league tal-Futbol Taljan hekk isejħulu (8)
12) u 43) Ta' William Chetcuti hija tajba ħafna (4)
13) Ara 8 Mimdudin
14) "..... The Floor", żiemel Svediż ta' 8 snin (5)
16) Boldon, sprinter irtirat ta' Trinidad & Tobago (3)
17) "All .....", l-ewwel tim tan-Netball f'Malta (4)
19) Karen, plejer femminili taċ-chamipons Mosta FC (3)
21) "Karam....." tal-Billiards ta' Pawlu Mifsud (5)
22) Muscat, għawwiem Malti promettenti ħafna (4)
24) Rizzo, l-għawwiem Malti b'rekord dinji fl-1927 (4)
25) Tennis Club Kordin (1,1,1)
27) u 32) Ilir, kowċ Albaniż li jinsab sospiż mill-MFA (7)
28) Hyypia, 318 l-partita ma' Liverpool FC (4)
30) Gheorghe, l-aqwa futboler Ungeriż ta' kull żmien (4)
31) Hertha Berlin (1,1)
32) Ara 27 Mimdudin
33) Debattista, eks plejer u president tal-Hibs (4)
35) Zhirkov, ingħaqad mat-tim 'biljunarju' Russu ta' Anzhi (4)
37) Il-Log_ob tal-Pajjiżi ż-_għar 'fil-qosor' (1,1,1,1)
39) Jockey Franċiż ta' fama mondjali li kien Malta m'ilux (6)
41) Rot-Weiss Essen, tim Ġermani_ tal-Futbol (1,1,1)
42) ".... Sport", programm sportiv fuq stazzjon tat-TV Malti 4)
43) Ara 12 Mimduda
44) Chris, champion renjanti ta' Malta tad-Darts (5)

### WEQFIN

1) Shan Francois, plejer fit-tim Malti tar-Rugby (7)
2) Anastasi, plejer ta' esperjenza fit-Ten Pin Bowling (5)
3) Alexander, referi Malti tal-Futsal (5)
4) ".....-Country" - tista' tkun tal-Ġiri, Skiing u Roti (5)
5) Severiano "...." Ballesteros, il-mibki golfer Spanjol (4)
6) u 9) Smeir, attakkant ta' Rabat Ajax FC (4)
7) Alexander, is-CEO il-ġdid tal-Kunsill Malti għall-iSport (5)
9) Ara 6 Weqfin
11) Daniele .. Rossi ta' AS Roma (2)
15) Michel, president attwali tal-UEFA (7)
18) Justin, eks sprinter Amerikan involut fid-doping (6)
20) Tim Malti tal-Canoeing, mhux ta' l-iSkiing! (6)
21) "Il-.....", il-mibki eks Kit Manager tal-MFA (5)
23) Cadel, l-ewwel Awstraljan li rebaħ it-Tour de France (5)
26) Patrick, l-aqwa skorer tal-Olanda b'40 gowl (8)
29) u 41) "St. ......, tim tal-Futbol fil-Premier Skoċċiż (6)
34) "Noble d'....", żiemel Franċiż ta' 10 snin (4)
36) Seeler, l-eks attakkant tal-Ġermanja tal-Punent (3)
37) Alamango, futboler ta' Floriana fis-snin 20 u 30 (4)
38) Phoenix ...., ix-'xmux' tal-Baskitbol Amerikan (4)
40) Malta-Italja - mill-urna ta' ... għat-Tazza tad-Dinja 2014 (3)
41) Ara 29 Weqfin




NIKE adidas Reebok lotto DIADORA macron Sixtus uhlsport asics UMBRO

TeamSporT®

UP TO 50%
OFF SALE

mobile tv phone internet

# Join GO sports for only €9.99




© Action Images Limited

Book your front row ticket today and enjoy the best of football, live and exclusive! New this season on GO interactive tv – Premier League TV in HD, exclusive 24-hour league coverage in great detail.

**Prepare for kick off - subscribe today!**

GO

GO SPORTS PLtv HD

www.go.com.mt MADE FOR YOU

Visit any GO outlet, authorised reseller or call us anytime on Freephone **8007 2121** or **146** from your GO mobile

The €9.99 monthly offer is available until 30/09/2011 to new/existing residential Gold TV/Home Pack/Home Pack interactive/ Gold interactive & to new/existing GO sports yearly/monthly customers on a new 2 year term. You will have the right to terminate your sports subscription should either Barclays Premier League/ Serie A not be available on GO sports from August of each contract year.